EGFSIE_ 14-0012_ 02 finali

17/09/2015

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

# Gwida għall-Istati Membri dwar Verifiki ta' ġestjoni

## (Il-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020)

***DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ:*** *"Dan huwa dokument imħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Abbażi tal-liġi applikabbli tal-UE, huwa jipprovdi gwida teknika għal kollegi u korpi oħra involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ħlief għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)) dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati r-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument hu li jipprovdi l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-regoli msemmija biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi u biex titħeġġeġ prattika tajba. Din in-nota ta' gwida hi bla preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.*

## Werrej


I. SFOND .......... 4

1. Referenzi regolatorji .......... 4

2. L-għan tal-gwida .......... 4

II. GWIDA .......... 5

1. Kwistjonijiet ewlenin fil-verifiki ta' ġestjoni .......... 5

1.1. Prinċipji u għan ġenerali .......... 5

1.2. Responsabbiltajiet tal-awtoritajiet ta' ġestjoni, tal-korpi intermedjarji u tal-benefiċjarji .......... 6

1.3. Gwida mogħtija mill-Istat Membru .......... 8

1.4. Il-kapaċità tal-awtorità ta' ġestjoni u l-korpi intermedjarji fil-qafas tal-verifiki .......... 9

1.5. Metodoloġija u kamp ta' applikazzjoni tal-verifiki ta' ġestjoni tal-Artikolu 125(5) .......... 9

1.6. Għażla tal-mument għat-twettiq tal-verifiki ta' ġestjoni .......... 11

1.7. Intensità tal-verifiki ta' ġestjoni .......... 12

1.8. Iddokumentar tal-verifiki ta' ġestjoni .......... 15

1.9. Esternalizzazzjoni ta’ verifiki ta' ġestjoni .......... 16

1.10. Ċertifikati tal-awdituri .......... 17

1.11. Separazzjoni tad-dmirijiet .......... 18

2. Oqsma speċifiċi li jikkonċernaw il-verifiki ta' ġestjoni .......... 18

2.1. L-akkwist pubbliku .......... 18

2.2. Ambjent .......... 23

2.3. Għajnuna mill-Istat .......... 25

2.4. Strumenti finanzjarji .......... 27

2.5. Operazzjonijiet li jiġġeneraw id-dħul .......... 31

2.6. Durabbiltà tal-operazzjonijiet .......... 33

2.7. Ekwità u nuqqas ta’ diskriminazzjoni .......... 33

2.8. Il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (ETC) .......... 34

2.9. Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) .......... 36

2.10. Għażliet ta’ spejjeż simplifikati .......... 36

2.11. Indikaturi .......... 37

LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| AA | Awtorità tal-awditjar |
| AĊ | Awtorità taċ-ċertifikazzjoni |
| CPR | Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013 |
| FEŻR | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013 |
| FSE | Fond Soċjali Ewropew - ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013 |
| FSIE | FSIE tfisser il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kollha. Din il-gwida tapplika għall-Fondi kollha ħlief għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) |
| SME | Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju |
| REKT | Raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali |
| ETC | Kooperazzjoni Territorjali Ewropea - ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013 |
| KI | Korp Intermedjarju |
| SK | Segretarjat Konġunt (għall-programmi tal-ETC) |
| AĠ | Awtorità ta' ġestjoni |
| Verifiki ta' ġestjoni | Verifiki skont l-Artikolu 125(4a) tas-CPR, inklużi verifiki amministrattivi fir-rigward ta' kull applikazzjoni għal rimborż mill-benefiċjarji u verifiki fuq il-post ta' operazzjonijiet, kif imniżżel fl-Artikolu 125(5) tas-CPR. |
| MCS | Sistema ta' mmaniġġjar u ta' kontroll |

## I. SFOND

### 1. Referenzi regolatorji

| Regolament | Artikoli |
|---|---|
| Ir-Reg. (UE) Nru 1303/2013<br>Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni<br>*(minn hawn 'il quddiem is-CPR)* | L-Artikolu 125 (4, 5 u 7) - Il-funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni |
| Ir-Reg. (UE) Nru 1299/2013<br>Kooperazzjomi Territorjali Ewropea<br>*(minn hawn 'il quddiem l-ETC)* | L-Artikolu 23 - Il-funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni |

L-Artikolu 125(4)(a) tas-CPR jirrikjedi lill-AĠ tivverifika li l-prodotti u s-servizzi kofinanzjati jkunu twasslu u li n-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji tkun tħallset u li tikkonforma mal-liġi applikabbli, il-programm operazzjonali u l-kundizzjonijiet għas-sostenn tal-operazzjoni.

Skont l-Artikolu 125(5) tas-CPR il-verifiki għandhom jinkludu verifiki amministrattivi fir-rigward ta' kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji u verifiki fuq il-post tal-operazzjonijiet.

Skont l-Artikolu 125(7) tas-CPR, fejn l-AĠ hija wkoll benefiċjarju taħt il-programm operazzjonali, arranġamenti għall-verifiki (imsemmija f'punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu) għandhom jiżguraw is-separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet.

L-Artikolu 23(1) tal-ETC jiddikjara li l-AĠ ta' programm ta' kooperazzjoni għandha twettaq il-funzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 125(4) tas-CPR. L-Artikolu 23(4) tal-ETC jiddikjara li Stati Membri u pajjiżi terzi taħt ċerti kundizzjonijiet huma responsabbli għall-verifiki ta' ġestjoni. Il-partikolaritajiet li għandhom x'jaqsmu mal-verifiki fil-programmi tal-ETC huma koperti mill-Artikolu 23 (§3 u §5) tal-ETC.

### 2. L-għan tal-gwida

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi gwida dwar ċerti aspetti prattiċi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 125(4)(a) u (5) tas-CPR kif ukoll l-Artikolu 23 tal-ETC. Huwa intenzjonat li jservi bħala dokument ta' referenza għall-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' dawn l-artikoli. Din il-gwida hija applikabbli għall-FSIE, minbarra l-FAEŻR. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jsegwu din il-gwida billi jikkunsidraw l-istrutturi organizzattivi u l-arranġamenti ta' kontroll tagħhom stess. Il-gwida tipprovdi numru ta' prattiki tajba li jistgħu jiġu implimentati minn AĠ u korpi kif indikat fl-Artikolu 23(4) tal-ETC waqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull MCS. L-awditi tal-Kummissjoni li twettqu matul il-perjodi ta' programmar 2000-2006 u 2007-2013 taw prova tal-benefiċċji potenzjali ta' dokument bħal dan.

Il-gwida tkopri r-rekwiżiti regolatorji, il-prinċipji u l-għan ġenerali tal-verifiki, il-korpi responsabbli għat-twettiq tagħhom, il-waqt opportun meta għandhom jitwettqu, il-kamp ta' applikazzjoni u l-intensità tal-verifiki, l-organizzazzjoni ta' verifiki fuq il-post, ir-rekwiżit biex ix-xogħol jiġi dokumentat u l-esternalizzazzjoni. Eżempji aktar dettaljati ta' prattiki tajba huma mogħtija fir-rigward ta' diversi setturi speċifiċi, pereż. l-akkwist pubbliku u l-iskemi ta' għajnuna, li xi drabi kienu problematiċi fl-Istati Membri. Tinkludi wkoll informazzjoni dwar verifiki ta' ġestjoni fl-

oqsma ta’ strumenti finanzjarji, proġetti li jiġġeneraw dħul u l-ETC. Kwistjonijiet rigward it-tul ta’ żmien tal-operazzjonijiet, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u l-ambjent ġew koperti wkoll.

Minħabba l-bosta varjazzjonijiet bejn l-Istati Membri fejn jidħlu strutturi organizzattivi, f’dan id-dokument mhux possibbli li tiġi koperta kull sitwazzjoni. Il-verifiki ta' ġestjoni huma r-responsabbiltà tal-AĠ meta dawn jitwettqu taħt l-Artikolu 125(4)(a) tas-CPR u taħt l-Artikolu 23(3) tal-ETC. L-AĠ għandha l-possibbiltà li tiddelega l-kompiti lil KI. Għalhekk, meta fin-nota ssir referenza għall-AĠ, din tista’ tapplika għal KI meta xi xogħol jew ix-xogħol kollu tal-verifiki ta' ġestjoni jkun ġie ddelegat mill-AĠ. Fil-każijiet l-oħra, għall-programmi tal-ETC, ir-responsabbiltà għal verifiki ta' ġestjoni hija tal-Istati Membri, pajjiżi terzi jew territorji li jinnominaw il-korp jew il-persuna skont l-Artikolu 23(3) u 23(4) tal-ETC.

Bis-saħħa ta’ tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji tal-FSIE, huwa meħtieġ li jiġi enfasizzat li skambju ta’ informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-AĠ, l-AĊ, l-AA u l-KI jista' jitwettaq permezz ta’ sistemi ta' skambju tad-dejta elettronika. Ir-regoli fil-pakkett leġiżlattiv 2014-2020 marbutin mal-inizjattiva tal-koeżjoni elettronika huma fformulati b’mod li jippermettu lill-Istati Membri u r-reġjuni biex isibu soluzzjonijiet skont l-istruttura organizzattiva u istituzzjonali tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari filwaqt li jiddefinixxu rekwiżiti minimi uniformi.

## II. Gwida

### 1. Kwistjonijiet ewlenin fil-verifiki ta' ġestjoni

Dan id-dokument jipprovdi gwida għal aspetti partikolari tal-verifiki ta' ġestjoni. Prattiki meqjusin bħala rappreżentattivi ta' elementi partikolarment tajbin ta’ sistemi ta’ kontroll fir-rigward tal-verifiki għandhom jiġu enfasizzati f'kaxex bħala eżempji ta' prattiki tajba.

#### 1.1. Prinċipji u għan ġenerali

Il-verifiki ta' ġestjoni huma parti mis-sistema ta’ kontroll intern[1] ta’ kwalunkwe organizzazzjoni mmaniġġjata tajjeb. Huma l-kontrolli normali ta' kuljum li japplika l-maniġment ta’ organizzazzjoni biex jiġi żgurat li l-proċessi li hu responsabbli għalihom jitwettqu b’mod xieraq.

Eżempju sempliċi ta’ verifika bħal din f’organizzazzjoni tipika huwa t-tqabbil bejn l-oġġetti li jkunu fil-fatt ikkunsinnati u l-ordni tax-xiri marbuta mal-kunsinna f’termini ta’ kwantità ta’ oġġetti, prezz u kundizzjoni. Din il-verifika tiżgura li l-kwantità ta’ oġġetti konkretament ordnati jkunu ġew ikkunsinnati bil-prezz miftiehem u jkunu tal-kwalità mixtieqa.

Fil-każ ta’ proċessi aktar kumplessi, il-kamp ta' applikazzjoni tal-verifiki ovvjament jikber u jista’ jinkludi l-verifika tal-konformità ma’ regoli u regolamenti rilevanti. Madankollu, il-prinċipju jibqa’ l-istess, jiġifieri li l-verifiki mwettqa mill-maniġment ta' organizzazzjoni għandhom jiżguraw li l-proċessi li hu responsabbli għalihom jitwettqu kif xieraq u jkunu konformi mar-regoli u r-regolamenti rilevanti. Il-verifiki ta' ġestjoni taħt l-Artikolu 125(5) tas-CPR mhumiex differenti fis-sens li huma wkoll il-verifiki ta’ kuljum tal-maniġment ta’ proċessi li huwa responsabbli għalihom, imwettqin biex jiġi verifikat it-twassil tal-prodotti u s-servizzi kofinanzjati, ir-realtà tan-nefqa ddikjarata f'każ ta' rimborż tal-kostijiet reali u l-konformità mat-termini tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni rilevanti li japprovaw il-programm operazzjonali u l-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli relatata mal-applikazzjoni tagħha. Madankollu, filwaqt li s-sistemi ta’ kontroll intern tal-Istati Membri jistgħu jkunu adegwati għall-programmi nazzjonali, jista’ jkun li jkollhom bżonn jiġu adattati għal ċerti rekwiżiti speċifiċi tal-FSIE.

Il-verifiki ta' ġestjoni jiffurmaw parti integrali tas-sistema ta’ kontroll intern tal-organizzazzjonijiet

[1] Sors: Id-definizzjoni COSO ta' kontroll intern ara www.coso. org

kollha u, meta implimentati kif jiexraq, jikkontribwixxu wkoll għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi.

Għandu jiġi ddikjarat ukoll li kull AĠ hija kompletament responsabbli biex tippjana, tamministra u tivvaluta l-kapaċitajiet interni tagħha biex tidentifika n-numru u l-valur ta' operazzjonijiet li jistgħu jiġu ġestiti b'mod adegwat.

### 1.2. Responsabbiltajiet tal-awtoritajiet ta' ġestjoni, tal-korpi intermedjarji u tal-benefiċjarji

**Taħt l-Artikolu 125 tas-CPR, l-awtorità ta' ġestjoni** hija responsabbli għall-immaniġġjar u l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u b'mod partikolari biex:

- tfassal id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tal-kontijiet li tkopri n-nefqa li tkun saret u ppreżentata lill-Kummissjoni għar-rimborż;
- tfassal is-sommarju annwali tar-rapporti tal-awditjar finali u tal-kontrolli mwettqa;
- tivverifika li l-prodotti u s-servizzi kofinanzjati jkunu twasslu u li n-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji għall-operazzjonijiet tkun tħallset u tkun konformi mal-liġi applikabbli, mal-programm operazzjonali u mal-kundizzjonijiet għas-sostenn tal-operazzjoni;
- tiżgura sekwenza tal-awditjar adegwata;
- tistabbilixxi sistema biex tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata dejta dwar operazzjoni, inkluża dejta dwar parteċipanti individwali, fejn applikabbli;
- timplimenta miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi filwaqt li jitqiesu r-riskji identifikati;
- tiżgura li l-benefiċjarji involuti fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet iżommu sistema ta' kontabilità separata jew kodiċi adegwat ta' kontabilità għat-tranżazzjonijiet kollha.

L-AĠ għandha r-responsabbiltà ġenerali għal dawn il-kompiti. Tista' tiddeċiedi li tafda[2] wħud minn dawn il-kompiti jew il-kompiti kollha lil KI[3]. Madankollu, ma tistax tiddelega r-responsabbiltà ġenerali għall-iżgurar li dawn jitwettqu kif suppost. Għaldaqstant, fejn ċerti kompiti jkunu ġew fdati f'idejn KI, l-AĠ għandha, fil-kapaċità ta' sorveljanza tagħha, tikseb assigurazzjoni li l-kompiti jkunu twettqu kif suppost. Tista' tagħmel dan b'numru ta' modi bħal,

- it-tħejjija ta' noti ta' gwida, manwali ta' proċeduri u listi ta' kontroll imfasslin apposta u użati mill-KI;
- il-kisba u r-rieżami tar-rapporti rilevanti mħejjija mill-KI;
- il-wasla ta' rapporti ta' awditjar imħejjija fil-kuntest tal-Artikolu 127(1) tas-CPR, li għandhom jinkorporaw rieżamijiet tal-verifiki taħt l-Artikolu 125(5) tas-CPR magħmula mill-KI; u

---

[2] Fejn kompitu wieħed jew aktar ta' AĠ jew ta' AĊ jitwettqu minn KI, l-arranġamenti rilevanti għandhom jiġu ddokumentati formalment bil-miktub.

[3] Il-KI huma kwalunkwe korp pubbliku jew privat li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta'AĠ jew ta' AĊ, jew li jwettqu dmirijiet f'isem awtorità bħal din fil-konfront ta' benefiċjarji li jimplimentaw l-operazzjonijiet (l-Artikolu 2(18) tas-CPR). Huma responsabbli għall-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll intern biex jiġu ggarantiti r-regolarità u l-legalità tal-operazzjonijiet, il-konformità tagħhom mat-termini tal-programm operazzjonali u l-konformità mar-regoli tal-Unjoni rilevanti. Meta l-AĠ tiddelega l-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 125(5) tas-CPR, is-sistema ta' kontroll intern għandha tinkludi l-verifika mill-KI dwar l-applikazzjonijiet għar-rimborż sottomessi mill-benefiċjarju.

- l-eżekuzzjoni ta' kontrolli ta' kwalità fuq verifiki mwettqa minn KI.

Għandha twettaq kontrolli fil-livell tal-KI inkluż kampjun ta' applikazzjonijiet għar-rimborż tal-benefiċjarju sabiex, bħala parti mis-sorveljanza ta' rutina tagħha jew meta jkollha tħassib dwar jekk il-kompiti jkunux qed jiġu eżegwiti kif xieraq, hija tkun tista' tivvaluta kif ikunu twettqu l-verifiki. Dan għandu jinkludi eżami ta' kampjun limitat ta' fajls magħżula abbażi ta' ġudizzju professjonali.

Waqt it-tfassil tal-verifiki ta' ġestjoni, l-AĠ għandha tqis ir-riskji ta' frodi. Il-maniġment u l-persunal għandu jkollhom għarfien suffiċjenti ta' frodi biex jiġu identifikati bnadar ħomor. Fil-prinċipju, il-preżenza ta' iktar minn indikatur wieħed fl-istess ħin iżid il-probabbiltà ta' frodi. Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jitwettqu b'xettiċiżmu professjonali. L-AĠ għandha tinkludi l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni fil-manwali ta' gwida tagħha biex iżżid l-għarfien dwar ir-riskju ta' frodi. Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti proċeduri ċari biex jiġi żgurat li f'każijiet ta' frodi jew ta' frodi ssuspettata tittieħed azzjoni minnufih. Meta jkun hemm frodi ssuspettata (pereż. permezz ta' verifiki ta' ġestjoni), l-AĠ għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità nazzjonali rilevanti għal aktar azzjoni; din l-awtorità għandha tkun dik li għandha tinnotifika lill-Kummissjoni (OLAF) dwar irregolaritajiet u każijiet issuspettati ta' frodi skont ir-regoli settorjali applikabbli dwar ir-rappurtar ta' irregolaritajiet. Fl-ewwel fażi, l-aħjar nies biex jinformaw x'aktarx huma dawk inkarigati mill-governanza tal-korp inkwistjoni, jekk ma jkun hemm l-ebda raġuni biex wieħed jaħseb li huma involuti fil-frodi ssuspettata. Altrimenti, l-AĠ għandha tinnotifika l-każ(i) direttament lill-awtoritajiet ġudizzjarji, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni miksuba mill-AĠ. Fejn possibbli taħt ir-regoli nazzjonali, l-AĠ għandha tkun infurmata dwar kull każ ta' suspett ta' frodi jew frodi definittiva dwar il-proġetti kofinanzjati mill-FSIE; għal dan il-għan, għandha tiġi promossa l-koordinazzjoni bejn il-korpi nazzjonali.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-AĠ jadottaw approċċ proattiv, strutturat u mmirat biex jimmaniġġjaw ir-riskju ta' frodi. Għall-FSIE, l-objettiv għandu jkun miżuri proattivi u proporzjonati kontra l-frodi b'mezzi kosteffettivi. L-awtoritajiet kollha tal-programm għandhom ikunu impenjati għal tolleranza żero għall-frodi, li tibda bl-adozzjoni tat-ton korrett minn fuq nett. In-*Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-frodi u miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi* (EGFSIE 14-0021-00 tas-16 ta' Ġunju 2014) tipprovdi assistenza lill-AĠ għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 125(4)(c), li jistabbilixxi li l-AĠ għandha timplimenta miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi filwaqt li tqis ir-riskji identifikati.

| |
|---|
| Xi Stati Membri ddeċidew li jużaw l-Għodda ta' Evalwazzjoni tar-Riskju ARACHNE. ARACHNE għandha l-għan li tistabbilixxi bażi tad-dejta komprensiva u sħiħa ta' proġetti implimentati taħt il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni fl-Ewropa mkabbra b'dejta minn sorsi pubblikament disponibbli sabiex jiġu identifikati, abbażi ta' sett ta' aktar minn 100 indikatur tar-riskju, l-aktar proġetti, benefiċjarji, kuntratti u kuntratturi riskjużi. L-għodda ta' estrazzjoni tad-dejta ARACHNE hija disponibbli għall-AĠ u tista' tkun parti minn verifiki ta' ġestjoni effettivi, inklużi miżuri proporzjonati kontra l-frodi. |

**Il-korp intermedjarju**, i.a. jista' jkun responsabbli għall-ġbir ta' applikazzjonijiet għar-rimborż riċevuti minn numru ta' benefiċjarji f'dikjarazzjoni tan-nefqa waħda globali lill-AĠ. F'każijiet bħal dawn, l-AĠ hija responsabbli biex twettaq il-verifiki taħt l-Artikolu 125(5) tas-CPR biex tiżgura l-akkuratezza tal-kumpilazzjoni tan-nefqa mill-KI. Fil-każ li l-KI jissottometti dikjarazzjonijiet tan-nefqa direttament lill-AĊ, il-verifiki mwettqin skont l-Artikolu 125(5) tas-CPR għandhom isiru fil-livell tal-KI. Barra minn hekk, l-AĠ għandha tiġi infurmata b'kull trażmissjoni biex tkun tista' twettaq verifiki tal-akkuratezza tal-kumpilazzjoni tan-nefqa u biex tkun tista' wkoll tipprovdi kwalunkwe assigurazzjoni meħtieġa mill-AĊ.

**Il-benefiċjarju** huwa definit fl-Artikolu 2(10) tas-CPR. Meta l-AĠ jew il-KI jkunu wkoll

benefiċjarji għandha tiġi żgurata s-separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn ir-rwol ta' riċevitur u r-rwol ta' superviżur. Il-benefiċjarji huma responsabbli biex jiżguraw li n-nefqa li jiddikjaraw għall-kofinanzjament hija legali u regolari u konformi mal-liġi applikabbli kollha tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tiegħu. Għalhekk, biex ikunu jistgħu jipprovdu din l-assigurazzjoni, dawn il-benefiċjarji għandu jkollhom il-proċeduri ta' kontroll intern proprji tagħhom, proporzjonati għad-daqs tal-korp u n-natura tal-operazzjoni. Madankollu, il-verifiki mwettqin direttament mill-benefiċjarji ma jistgħux jitqiesu bħala ekwivalenti tal-verifiki li jaqgħu taħt l-Artikolu 125 tas-CPR. Il-benefiċjarji li jużaw arkivjar elettroniku jew sistemi għall-ipproċessar tal-istampi (li jfisser li d-dokumenti oriġinali jkunu skenjati u maħżuna f'forma elettronika) huma mħeġġa jorganizzaw is-sistema ta' kontroll intern tagħhom biex tiggarantixxi li: kull dokument elettroniku skenjat ikun identiku għal dak oriġinali, ikun impossibbli li jiġi skenjat l-istess dokument stampat li jipproduċi diversi dokumenti elettroniċi, kull dokument elettroniku jibqa' uniku u ma jkunx jista jerġa' jintuża għal xi skop ieħor għajr l-iskop inizjali tiegħu. L-approvazzjoni, il-kontabbiltà u l-proċess ta' pagament għal kull dokument elettroniku għandu jkun uniku. M'għandux ikun possibbli li tapprova, tagħti kont jew tħallas l-istess dokument elettroniku darbtejn. Ladarba skenjati, m'għandux ikun possibbli li d-dokumenti elettroniċi jiġu emendati biex joħolqu kopji mibdula.

### 1.3. Gwida mogħtija mill-Istat Membru

Gwida mill-Istat Membru lill-awtoritajiet kollha

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-AĠ, l-AĊ u l-KI jirċievu gwida adegwata dwar l-implimentazzjoni tal-MCS meħtieġa biex jiżguraw il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-FSIE u partikolarment biex jipprovdu assigurazzjoni adegwata tal-korrettezza, ir-regolarità u l-eliġibbiltà tat-talbiet għal assistenza tal-Unjoni.

L-aħjar prattika f'dan il-qasam għandha tinvolvi gwida li titħejja għal-livelli kollha (jiġifieri l-livell ta' AĠ u KI) sabiex jiġi żgurat li tiġi applikata metodoloġija konsistenti fil-korpi kollha fir-rigward tal-verifiki ta' ġestjoni. Tista' titħejja gwida ġenerali fil-livell tal-AĠ u, fejn ikun meħtieġ, gwida mfassla apposta fil-livell tal-KI biex jiġu ssodisfati rekwiżiti speċifiċi. Din il-gwida għandha tiġi inkorporata fil-manwali ta' proċedura ta' dawn il-korpi.

Gwida mill-AĠ għall-benefiċjarji

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom ifittxu li jevitaw l-iżbalji billi jaħdmu id f'id mal-benefiċjarji fil-bidu ta' kull operazzjoni. Għandhom jipprovdu lill-benefiċjarji b'taħriġ u bi gwida għall-ħolqien ta' sistemi biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Unjoni u għat-tfassil tal-ewwel applikazzjonijiet għar-rimborż. Għandha tingħata attenzjoni speċifika biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji jkunu konxji ta' liema spejjeż u riżultati jew outputs huma eliġibbli għar-rimborż.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex il-benefiċjarji jkunu jafu dwar l-għażla offerta mill-Artikoli 67(1) (b)(c)(d) u 68 tas-CPR, l-Artikolu 14(2)(3)(4) tal-FSE u l-Artikolu 19 tal-ETC dwar l-ispejjeż għal kull unità, is-somom f'daqqa u l-finanzjament b'rata fissa kif ukoll ir-rimborż tan-nefqa mħallsa mill-Istati Membri abbażi ta' spejjeż għal kull unità u somom f'daqqa definiti mill-Kummissjoni applikabbli għall-benefiċjarji tal-FSE skont l-Artikolu 14 tal-FSE.

L-AĠ hija responsabbli biex tiżgura li l-operazzjonijiet huma magħżula għall-finanzjament skont proċeduri u kriterji adegwati tal-għażla li huma nondiskriminatorji u trasparenti u jqisu l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-iżvilupp sostenibbli, li huma konformi mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali u jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond(i) għall-perjodu kollu ta' implimentazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi żgurat li l-benefiċjarji jkunu infurmati dwar il-kundizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-prodotti jew is-servizzi li jridu jitwasslu skont il-qafas tal-operazzjoni, tal-pjan ta' finanzjament, tal-iskadenza għall-eżekuzzjoni kif ukoll tal-

informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra maħsuba biex tinżamm u tiġi kkomunikata. L-AĠ għandha tiżgura ruħha li l-applikant ikollu l-kapaċità biex jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet qabel ma tittieħed id-deċiżjoni ta' approvazzjoni. Għandha tiżgura ruħha li l-applikant jiżgura s-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet u meta l-operazzjoni tkun bdiet qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-finanzjament lill-AĠ, li l-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tagħha jkunu ġew imħarsa.

L-AĠ tista' tistabbilixxi kriterji adegwati biex tivvaluta l-kapaċità operazzjonali, teknika u amministrattiva tal-applikanti. Il-kriterji jistgħu jvarjaw skont it-tip ta' operazzjonijiet iżda jistgħu jinkludu, i.a., valutazzjoni tal-qagħda finanzjarja tal-applikant, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal tagħha u l-istruttura amministrattiva u operazzjonali tagħha.

Għandha titfassal strateġija biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji jkollhom aċċess għall-informazzjoni permezz, i.a., ta' opuskoli, fuljetti, seminars, sessjonijiet ta' ħidma u siti web. Dan għandu jkopri b'mod partikolari r-regoli ta' eliġibbiltà nazzjonali u tal-Unjoni u rekwiżiti legali oħra inklużi r-rekwiżiti li jikkonċernaw l-informazzjoni u r-reklamar.

### 1.4. Il-kapaċità tal-awtorità ta' ġestjoni u l-korpi intermedjarji fil-qafas tal-verifiki

L-Istati Membri għandhom ifittxu li jkollhom riżorsi umani b'esperjenza adegwata biex iwettqu l-verifiki għall-operazzjonijiet kofinanzjati mill-FSIE. L-AĠ u l-KI għandhom jidentifikaw b'mod ċar fid-deskrizzjoni tal-MCS l-unitajiet responsabbli biex iwettqu l-verifiki bl-indikazzjoni tan-numru ta' riżorsi umani allokati. Għandu jiġi identifikat il-korp responsabbli biex iwettaq il-verifiki meta l-AĠ u l-KI jkunu benefiċjarji. L-AĠ u l-KI jistgħu jadottaw sistema ta' verifika ċentralizzata jew deċentralizzata. Kontrolli ċentralizzati joffru possibbiltà aħjar għall-iskambju tal-esperjenzi. Iżidu wkoll l-effiċjenza tal-persunal fit-twettiq tal-verifika ta' ġestjoni kif ukoll jiffaċilitaw il-kontroll tal-kwalità. Taħt sistema deċentralizzata l-AĠ għandha tiżgura li jkun hemm sistema ta' kontroll tal-kwalità biex jiġi żgurat l-istess livell ta' produzzjoni fost il-persunal differenti li jwettaq il-verifiki ta' ġestjoni.

Il-pajjiżi parteċipanti fil-programmi tal-ETC għandhom jaqblu dwar it-twettiq tal-verifiki ta' ġestjoni u jidentifikaw il-persunal li jwettaq il-verifiki ta' ġestjoni, l-arranġamenti dwar il-persunal, il-kompetenzi u r-responsabbiltajiet ewlenin u modi biex tiġi żgurata l-koerenza fost il-persunal li jwettaq il-verifiki ta' ġestjoni mill-pajjiżi kollha li jipparteċipaw fil-programm.

Meta tintuża l-assistenza teknika mill-AĠ jew il-KI, għandu jiġi żgurat li jkun hemm gwida mogħtija lill-persunal estern li jwettaq il-verifiki ta' ġestjoni. L-assistenza teknika għandha tintuża, kemm jista' jkun, bħala mezz li jipprovdi l-bini tal-kapaċità għall-persunal li jwettaq il-verifiki ta' ġestjoni tal-AĠ u l-KI.

L-AĠ għandha tipprovdi lill-persunal tagħha b'taħriġ u bi gwida fil-ħiliet meħtieġa. B'mod partikolari, il-persunal tal-AĠ jeħtieġ li jkollu kemm il-ħiliet bħala kontrollur kif ukoll l-għarfien dwar ir-regoli u r-regolamenti nazzjonali u tal-UE (fost l-oħrajn – ir-regoli tal-eliġibbiltà, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku, il-funzjonament ta' strumenti finanzjarji).

### 1.5. Metodoloġija u kamp ta' applikazzjoni tal-verifiki ta' ġestjoni tal-Artikolu 125(5)

Il-verifiki taħt l-Artikolu 125(5) tas-CPR jikkonsistu minn żewġ elementi prinċipali li huma l-verifiki amministrattivi (jiġifieri verifiki tad-dokumenti) fir-rigward ta' kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji u l-verifiki fuq il-post ta' operazzjonijiet.

L-applikazzjonijiet kollha għar-rimborż mill-benefiċjarji, kemm jekk ikunu applikazzjonijiet

intermedjarji jew finali, għandhom ikunu soġġetti għal verifiki amministrattivi bbażati fuq eżami tat-talba u fuq dokumentazzjoni ta’ sostenn rilevanti bħalma huma fatturi, noti ta’ kunsinna, rendikonti bankarji, rapporti dwar il-progress u skedi ta’ żmien. L-ammont ta’ dokumenti ta’ sostenn jista’ jitnaqqas meta l-operazzjonijiet ikunu implimentati permezz ta’ għażliet tal-ispejjeż simplifikati[4]. Il-verifiki mwettqin mill-AĠ u l-KI qabel ma tiġi ċċertifikata n-nefqa lill-Kummissjoni għandha tkun biżżejjed biex tiggarantixxi li n-nefqa ċċertifikata hija legali u regolari. Kull nefqa irregolari misjuba matul il-verifiki għandha tiġi eskluża min-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni.

Jekk matul il-verifiki fuq il-post, imwettqin abbażi ta’ kampjun, jiġi individwat ammont materjali ta’ nefqa irregolari f’nefqa li diġà tkun ġiet inkluża fit-talba għall-pagament sottomessa lill-Kummissjoni, l-awtorità responsabbli għandha:

- twettaq valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tal-irregolaritajiet identifikati biex jiġi evalwat ir-riskju li l-irregolaritajiet jeżistu wkoll fl-operazzjonijiet mhux inklużi fil-kampjun;
- tieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex issaħħaħ il-verifiki qabel it-talba għall-pagament lill-Kummissjoni.

It-trattament tan-nefqa irregolari misjuba matul il-verifiki taħt l-Artikolu 125(5) tas-CPR għandu jkun skont ir-regoli applikabbli inklużi fin-*Nota ta' Gwida dwar il-kontijiet* (EGFSIE 15_0017) tal-Kummissjoni.

Il-verifiki għandhom ikopru b’mod partikolari:

- Li n-nefqa hi marbuta mal-perjodu eliġibbli u li tħallset;
- Li n-nefqa hi marbuta ma’ operazzjoni approvata;
- Li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet tal-programm inkluż, fejn applikabbli, konformità mar-rata approvata tal-finanzjament;
- Li jkun hemm konformità mar-regoli ta’ eliġibbiltà nazzjonali u tal-Unjoni;
- Li d-dokumenti ta’ sostenn ikunu adegwati u li tkun teżisti sekwenza ta’ verifika adegwata;
- Għal għażliet ta’ spejjeż simplifikati: li l-kundizzjonijiet għall-pagament ikunu ġew issodisfati;
- Li jkun hemm konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat, l-iżvilupp sostenibbli, l-opportunitajiet indaqs u rekwiżiti ta’ nondiskriminazzjoni;
- Fejn ikun applikabbli: il-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u dawk nazzjonali;
- Ir-rispett lejn ir-regoli tal-UE u dawk nazzjonali dwar ir-reklamar;
- Il-progress fiżiku tal-operazzjoni mkejjel permezz tal-output komuni u speċifiku għall-programm u, fejn applikabbli, indikaturi tar-riżultati u mikrodejta;
- It-twassil tal-prodott jew tas-servizz f’konformità sħiħa mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim għal forma individwali ta’ sostenn.

Meta l-istess benefiċjarju jimplimenta aktar minn operazzjoni waħda fl-istess ħin jew operazzjoni

[4] Għall-għażliet ta' spejjeż simplifikati, jekk jogħġbok irreferi għall-*Gwida tal-Kummissjoni dwar Spejjeż Simplifikati (SCOs)* (EGFSIE_ 14-0017 tas-6/10/2014).

tirċievi finanzjament taħt diversi forom ta’ sostenn jew fondi, għandu jkun hemm mekkaniżmu fis-seħħ li jivverifika finanzjament doppju potenzjali ta’ partita tan-nefqa.

Meta l-benefiċjarju jippreżenta ċertifikat tal-awditur b’sostenn tan-nefqa ddikjarata, dan ukoll jista’ jiġi kkunsidrat (ara t-taqsima 1.10).

F’oqsma tekniċi bħall-konformità mar-regoli ambjentali, jista’ jkun hemm awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli għall-kontrolli tal-konformità u għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet korrispondenti. F’dawn il-każi, l-AĠ għandha tivverifika li l-approvazzjonijiet rilevanti jkunu nkisbu mill-benefiċjarju mingħand dawn il-korpi. Fir-rigward tal-verifika tal-konformità tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-AĠ tista' wkoll tistrieħ fuq ix-xogħol ta’ awtoritajiet nazzjonali oħra li jkollhom kompetenza f’dan il-qasam.

Il-metodoloġija użata mill-AĠ fit-twettiq tal-verifiki taħt l-Artikolu 125(5) tas-CPR għandha tiġi stabbilita fil-manwali tal-proċeduri ta’ kull korp billi ssir identifikazzjoni ta’ liema punti għandhom jiġu vverifikati fil-verifiki amministrattivi u l-verifiki fuq il-post rispettivament u billi ssir referenza għal-listi ta’ kontroll li jridu jintużaw fil-kontrolli differenti li jsiru.

Meta benefiċjarju jew fornitur ikollu status speċjali (pereż. organizzazzjoni internazzjonali), l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura l-aċċess għal dokumenti għal finijiet ta’ verifika (pereż. memorandum ta’ ftehim), qabel il-konklużjoni ta’ ftehim ta’ finanzjament jew kuntratt, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40(1) tas-CPR.

### 1.6. Għażla tal-mument għat-twettiq tal-verifiki ta' ġestjoni

1) Verifiki matul l-għażla tal-proġetti

Għall-finijiet tal-għażla u l-approvazzjoni tal-operazzjonijiet, l-AĠ trid tiżgura li l-applikanti jkollhom il-kapaċità li jissodisfaw numru ta’ kundizzjonijiet qabel ma tittieħed id-deċiżjoni tal-approvazzjoni (ara t-taqsima 1.3).

2) Verifiki amministrattivi matul l-implimentazzjoni tal-proġett

Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jitwettqu qabel ma l-infiq korrispondenti jiġi ddikjarat fil-livell ’il fuq li jkun imiss. Pereżempju, qabel ma l-KI jibgħat applikazzjoni għal pagament interim jew finali lill-AĠ (jew AĠ lill-AĊ), il-verifiki amministrattivi tiegħu għandhom ikunu twettqu diġà. Ikun xi jkun il-każ, il-verifiki amministrattivi kollha (ara t-taqsima 1.5) fir-rigward tan-nefqa f'applikazzjoni għal pagament partikulari għandhom jitlestew qabel ma l-AĊ tissottometti l-applikazzjoni għal pagament lill-Kummissjoni.

3) Verifiki fuq il-post matul l-implimentazzjoni tal-proġett

Il-verifiki fuq il-post għandhom jiġu ppjanati bil-quddiem sabiex jiġi żgurat li jkunu effettivi, b’mod partikolari fid-dawl taċ-ċertifikazzjoni li n-nefqa mniżżla fil-kontijiet hija konformi mal-liġi applikabbli (Artikolu 133(c) tas-CPR). Ġeneralment, għandha tingħata notifikazzjoni tal-verifiki fuq il-post biex jiġi żgurat li l-persunal rilevanti (pereż. il-kap tal-proġett, l-inġinier, il-kontabilist) u d-dokumentazzjoni (b’mod partikolari, il-fajls finanzjarji inklużi r-rendikonti bankarji u l-fatturi) isiru disponibbli mill-benefiċjarju matul il-verifika. Madankollu, f’ċerti każi, meta jkun diffiċli li r-realtà tal-operazzjoni tista’ tiġi stabbilita wara li l-proġett ikun tlesta, jista’ jkun adegwat li jitwettqu verifiki fuq il-post waqt li tkun qed isseħħ l-implimentazzjoni u mingħajr avviż minn qabel lill-benefiċjarju.

Ġeneralment, il-verifiki fuq il-post għandhom isiru meta l-operazzjoni tkun ilha li nbdiet sewwa, kemm f’termini ta’ progress fiżiku kif ukoll f’termini ta’ progress finanzjarju. Mhux irrakkomandat li l-verifiki fuq il-post jitwettqu biss meta l-operazzjoni tkun tlestiet minħabba li dan ikun tard wisq biex jittieħdu miżuri korrettivi f'każ li jiġu identifikati xi problemi u sadanittant ikun ġie ċċertifikat

xi nfiq irregolari. Żjarat ta’ operazzjonijiet bħala miżura preventiva biex tiġi verifikata l-kapaċità ta’ applikant ma jissostitwixxux il-verifiki fuq il-post ta’ operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament.

In-natura, il-karatteristiċi speċifiċi ta’ operazzjoni, l-ammont ta’ sostenn pubbliku, il-livell ta’ riskju u l-firxa ta’ verifiki amministrattivi, ħafna drabi se jinfluwenzaw il-mument magħżul għall-verifiki fuq il-post.

Għal proġetti kbar ta’ infrastruttura b’perjodu ta’ implimentazzjoni fuq medda ta’ għadd ta’ snin, l-aħjar prattika tkun tinvolvi għadd ta’ verifiki fuq il-post li jitwettqu matul dan il-perjodu, inkluża waħda fit-tmiem tal-operazzjoni biex tiġi vverifikata r-realtà tal-operazzjoni. Meta jingħataw l-istess forom ta’ sostenn wara sejħa annwali għal espressjonijiet ta’ interess, il-verifiki fuq il-post imwettqa matul l-ewwel sena għandhom jgħinu biex jiġi evitat li l-problemi identifikati ma jerġgħux jinqalgħu fis-snin li ġejjin.

4) Verifiki fuq il-post wara l-implimentazzjoni tal-operazzjoni

Ftehimiet għal forom individwali ta' sostenn li jinvolvu l-kostruzzjoni jew l-akkwist ta’ ass sikwit jimponu fuq il-benefiċjarji kundizzjonijiet fuq bażi kontinwa (eż. żamma tas-sjieda, numru ta’ impjegati ġodda) wara t-tlestija tal-operazzjoni jew l-akkwist tal-ass. F’dawn il-każi, verifika oħra fuq il-post tista’ tkun meħtieġa matul il-fażi operazzjonali biex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ikomplu jiġu ssodisfati.

F’każ li l-operazzjonijiet ikunu ta’ natura intanġibbli u jkun fadal ftit provi fiżiċi, jew xejn, wara li jkunu tlestew meta jitwettqu l-verifiki fuq il-post, tkun prattika tajba jekk dawn jitwettqu waqt l-implimentazzjoni (jiġifieri qabel it-tlestija tagħhom). Dawn il-verifiki fuq il-post huma utli biex tiġi kkontrollata r-realtà ta’ dawn l-operazzjonijiet.

5) Il-verifiki ta' ġestjoni kollha għandhom jiġu ffinalizzati fi żmien debitu sabiex jippermettu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri għal trażmissjoni f’waqtha tad-dokumenti elenkati fl-Artikolu 138 tas-CPR, jiġifieri l-kontijiet, id-dikjarazzjoni tal-ġestjoni u r-rapport tal-kontroll annwali jew l-opinjoni tal-awditjar. Huwa rrakkomandat li l-AĠ tistabbilixxi skadenzi interni għat-tlestija tal-verifiki ta' ġestjoni kollha biex tippermetti lill-AĊ tiċċertifika l-kontijiet kif rikjest mill-Artikolu 126(c) tas-CPR, li l-AĠ toħroġ id-dikjarazzjoni tal-ġestjoni skont l-Artikolu 125(4) u (10) tas-CPR u li l-AA tfassal opinjoni dwar l-awditjar u rapport ta' kontroll annwali kif rikjest mill-Artikolu 127(5) tas-CPR.

L-ebda nefqa m'għandha tiġi inkluża fil-kontijiet ċertifikati sottomessi lill-Kummissjoni jekk il-verifiki ta' ġestjoni ppjanati ma jitlestewx bis-sħiħ u n-nefqa ma tkunx ikkonfermata bħala legali u regolari[5]. Jekk l-AĠ tiddeċiedi li twettaq verifiki fuq il-post (pereż. minbarra dawk li jistgħu jkunu diġà saru) f’sena ta’ kontabilità sussegwenti, kwalunkwe irregolaritajiet misjuba għandhom jiġu ttrattati f’konformità mar-regoli applikabbli u n-*nota ta’ gwida tal-Kummissjoni dwar il-kontijiet*.

### 1.7. Intensità tal-verifiki ta' ġestjoni

**Il-verifiki amministrattivi** għandhom jitwettqu fir-rigward tal-applikazzjonijiet intermedjarji u

[5] Skont l-Artikolu 126 (c) tas-CPR, meta l-AĊ tissottometti l-kontijiet lill-Kummissjoni din tiċċertifika li n-nefqa ddikjarata hija legali u regolari, kif imniżżel fl-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1011/2014 li jirrikjedi li l-AĊ tiċċertifika li: (i) il-kontijiet ikunu tlestew, preċiżi u veri, u li n-nefqa mniżżla fil-kontijiet hija konformi mal-liġi applikabbli u kienet saret fir-rigward ta' operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament skont il-kriterji applikabbli għall-programm operazzjonali u f'konformità mal-liġi applikabbli; (ii) id-dispożizzjonijiet fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, fl-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u fil-punti (d) u (f) tal-Artikolu 126 tas-CPR huma rrispettati; id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 140 tas-CPR fir-rigward tad-disponibbiltà tad-dokumenti huma rrispettati.

finali kollha għar-rimborż mill-benefiċjarji.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jirrakkomandaw bħala l-aħjar prattika li d-dokumenti li għandhom jiġu sottomessi ma' kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji jkunu komprensivi sabiex jippermettu lill-AĠ tivverifika l-legalità u r-regolarità tan-nefqa skont ir-regoli nazzjonali u tal-Unjoni. Il-verifiki amministrattivi għandhom għalhekk jinkludu rieżami sħiħ tad-dokumenti ta' sostenn (bħal fatturi, provi ta' ħlas, skedi, listi tal-preżenza, provi ta' kunsinna, oħrajn) ma' kull applikazzjoni għar-rimborż.

Għalkemm il-verifiki ta' ġestjoni ta' 100% tal-applikazzjonijiet għar-rimborż ippreżentati mill-benefiċjarji huma meħtieġa mir-regolament, il-verifika ta' kull partita tan-nefqa individwali mad-dokumentazzjoni f'kull applikazzjoni mibgħuta għar-rimborż u l-prova tal-kunsinna relatata inklużi f'applikazzjoni, għalkemm mixtieqa, jistgħu ma jkunux prattiċi. Għalhekk, l-għażla tal-partiti tan-nefqa li għandhom jiġu vverifikati f'kull applikazzjoni għar-rimborż, fejn iġġustifikat, tista' ssir fuq kampjun ta' tranżazzjonijiet, magħżula fid-dawl tal-fatturi tar-riskju (valur tal-partiti, tip ta' benefiċjarju, esperjenza mill-passat), u kkomplementata b'kampjuni aleatorji biex jiġi żgurat li l-partiti kollha jkollhom possibbiltà li jintgħażlu. Il-valur tan-nefqa kkontrollata huwa l-ammont ittestjat mad-dokumentazzjoni. Il-metodoloġija tal-kampjunar użata għandha tkun stabbilita ex-ante mill-AĠ u huwa rakkomandat li jiġu stabbiliti parametri biex ir-riżultati tal-kampjun aleatorju kkontrollat ikunu jistgħu jintużaw għall-projezzjoni ta' żbalji fil-popolazzjoni mhux ikkontrollata. F'każ li jinstabu żbalji materjali f'kampjun ittestjat, huwa rakkomandat li jiġi estiż l-ittestjar sabiex jiġi ddeterminat jekk l-iżbalji għandhomx karatteristika komuni (fost l-oħrajn, it-tip ta' tranżazzjoni, il-post, il-prodott, il-perjodu ta' żmien) u mbagħad jew tiġi estiża l-verifiki għal 100% tal-applikazzjoni għar-rimborż jew jiġi proġettat l-iżball fil-kampjun tal-popolazzjoni mhux ikkontrollata. L-iżball totali huwa kkalkolat billi jingħaddu l-iżbalji minn kampjun ibbażat fuq ir-riskju mal-iżball proġettat mill-kampjun aleatorju.

L-aħjar prattika tkun teħtieġ li d-dokumentazzjoni rilevanti kollha tkun ippreżentata mal-applikazzjoni għar-rimborż tal-benefiċjarju. Dan ikun jippermetti li l-kontrolli dokumentarji kollha jkunu jistgħu jitwettqu waqt il-verifiki u b'hekk titnaqqas il-ħtieġa li dawn id-dokumenti jiġu vverifikati fuq il-post. Id-dokumentazzjoni ta' sostenn għandha, bħala minimu, tinkludi skeda tal-partiti individwali tan-nefqa, magħdudin u li juru l-ammont tan-nefqa, ir-referenzi tal-fatturi relatati, id-data tal-pagament u n-numru ta' referenza tal-pagament u l-lista ta' kuntratti ffirmati. Barra minn hekk, idealment, għandhom jiġu pprovduti fatturi u pagamenti elettroniċi u kopji tal-fatturi u prova tal-pagament għall-partiti kollha tan-nefqa. Madankollu, fejn dan ikun jinvolvi volum ferm akbar mis-soltu ta' dokumentazzjoni li trid tiġi ppreżentata mill-benefiċjarji, approċċ alternattiv jista' jinvolvi li tintalab biss dik id-dokumentazzjoni ta' sostenn rigward il-kampjun ta' partiti ta' nefqa magħżula għall-verifika. Dan l-approċċ għandu l-vantaġġ li jnaqqas il-volum ta' dokumentazzjoni li għandha tkun ippreżentata mill-benefiċjarji. Madankollu, minħabba li l-għażla tad-dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa tista' ssir biss wara li tkun waslet l-applikazzjoni għar-rimborż mingħand il-benefiċjarju, l-ipproċessar tat-talba jista' jiddewwem u dan ikun jiddependi fuq meta tasal id-dokumentazzjoni mitluba. Hemm ukoll riskju potenzjalment ogħla għall-konservazzjoni tad-dokumenti jekk il-benefiċjarju jwaqqaf l-operazzjonijiet qabel tmiem il-perjodu.

Huwa wkoll rakkomandat bħala l-aħjar prattika li tiġi verifikata l-konformità mar-regoli nazzjonali u tal-Unjoni inklużi proċeduri ta' akkwist pubbliku matul il-verifiki amministrattivi. Filwaqt li l-verifika tal-proċeduri kollha ta' akkwist pubbliku hija prattika tajba, dan jista' ma jkunx prattikabbli minħabba numru sinifikanti ta' kuntratti ffirmati. F'dan il-każ, l-AĠ għandha tiżviluppa proċedura biex jiġi vverifikat kampjun ta' kuntratti magħżula abbażi tar-riskju. Bħala l-aħjar prattika, huwa rakkomandat, li jiġu verifikati l-kuntratti kollha 'l fuq mil-limiti tal-UE u kampjun ta' kuntratti taħt il-limiti tal-UE li huma kampjunati bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju. L-Artikolu 122(3) tas-

CPR jintroduċi dispożizzjoni ġdida għall-Koeżjoni elettronika. Il-kunċett ta' skambju elettroniku bejn il-benefiċjarji u l-korpi rilevanti involuti fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni hu intiż biex jappoġġja t-tnaqqis tal-piż amministrattiv. Prattika tajba hija l-istabbiliment ta' sistemi kompjuterizzati li jippermettu li d-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha, inklużi l-iskedi tal-infiq, il-kopji tal-fatturi u l-provi tal-pagament jiddaħħlu fis-sistema fil-livell lokali mill-benefiċjarju u jkunu ppreżentati b'mod elettroniku. Dan jippermetti li jsiru l-verifiki għad-dokumenti kollha bħala parti mill-verifiki amministrattivi.

**Verifiki fuq il-post**

Meta l-verifiki amministrattivi huma eżawrjenti u ddettaljat, ikun għad hemm xi elementi dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa li ma jistgħux jiġu verifikati permezz ta' verifika amministrattiva. Huwa għalhekk essenzjali li jitwettqu verifiki fuq il-post biex jiġu verifikati b'mod partikolari r-realtà tal-operazzjoni, it-twassil tal-prodott jew tas-servizz f'konformità sħiħa mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim, il-progress fiżiku, ir-rispett tar-regoli tal-Unjoni dwar ir-reklamar. Il-verifiki fuq il-post jistgħu wkoll jintużaw biex jiġi vverifikat li l-benefiċjarju jkun qed jissottometti informazzjoni preċiża dwar l-implimentazzjoni fiżika u finanzjarja tal-operazzjoni.

Meta l-verifiki fuq il-post u l-verifiki amministrattivi jitwettqu minn persuni differenti, il-proċeduri għandhom jiżguraw li t-tnejn jirċievu informazzjoni rilevanti u f'waqtha dwar ir-riżultati tal-verifiki mwettqa. Ir-rapporti ta' progress imħejjija mill-benefiċjarji, jew ir-rapporti tal-inġiniera fil-każ ta' operazzjonijiet ta' infrastruttura kbar, jistgħu jintużaw bħala l-bażi kemm għall-verifiki amministrattivi kif ukoll għall-verifiki fuq il-post.

Meta l-AĠ tiddetermina kemm għandhom jitwettqu verifiki taħt l-Artikolu 125(5)(b) tas-CPR tista' tikkunsidra l-proċeduri ta' kontroll intern tal-benefiċjarju meta dan ikun ġustifikat. Pereżempju, meta l-benefiċjarju huwa ministeru tal-gvern u l-kontrolli tan-nefqa jkunu diġà twettqu minn parti separata tal-ministeru bħala parti mill-proċeduri ta' kontroll tagħhom (jiġifieri b'separazzjoni adattata tal-funzjonijiet), l-AĠ tista' tittrattahom bħala li qed jikkontribwixxu għall-assigurazzjoni skont l-Artikolu 125(5) tas-CPR, filwaqt li tibqa' responsabbli biex twettaq verifiki skont dan l-istess artikolu. Il-verifiki mwettqa direttament mill-benefiċjarji ma jistgħux jitqiesu bħala ekwivalenti tal-verifiki li jaqgħu taħt l-Artikolu 125 tas-CPR.

Il-verifiki fuq il-post jistgħu jitwettqu fuq bażi ta' kampjun. Fejn jintuża t-teħid ta' kampjuni għall-għażla ta' operazzjonijiet għal verifiki fuq il-post, l-AĠ għandha żżomm rekords li jiddeskrivu u jiġġustifikaw il-metodu tat-teħid tal-kampjuni u rekord ta' operazzjonijiet magħżula għall-verifika. Hija għandha teżamina mill-ġdid il-metodu tat-teħid tal-kampjuni kull sena. Meta benefiċjarju partikolari huwa responsabbli għal operazzjoni magħmula minn grupp ta' proġetti, l-AĠ għandha tistabbilixxi proċedura biex jiġi determinat liema proġetti fi ħdan din l-operazzjoni se tkun soġġetta għal verifika fuq il-post.

L-ebda operazzjoni m'għandha tkun eskluża mill-possibbiltà li tkun soġġetta għal verifika fuq il-post. Madankollu, fil-prattika, għal programmi jew assi prijoritarji li għandhom numru kbir ta' operazzjonijiet żgħar, il-verifiki amministrattivi jistgħu jipprovdu livell għoli ta' assigurazzjoni (pereż. meta l-benefiċjarju jibgħat id-dokumentazzjoni rilevanti kollha lill-AĠ u meta tiġi provduta evidenza dokumentarja tar-realtà tal-operazzjoni). Il-verifiki amministrattivi mbagħad jistgħu jiġu kkomplementati bi żjarat fuq il-post għal kampjun ta' dawn l-operazzjonijiet biex tkun ipprovduta konferma tal-assigurazzjoni. Għal operazzjonijiet ta' infrastruttura implimentati fuq numru ta' snin, x'aktarx li jkunu meħtieġa diversi verifiki matul l-implimentazzjoni u meta jitlestew.

L-intensità, il-frekwenza u l-kopertura tal-verifiki fuq il-post jiddependu mill-kumplessità tal-operazzjoni, l-ammont ta' sostenn pubbliku għal operazzjoni, il-livell ta' riskju identifikat minn verifiki ta' ġestjoni, l-għadd ta' kontrolli dettaljati matul il-verifiki amministrattivi u l-awditi tal-AA għall-MCS kollha kif ukoll it-tip ta' dokumentazzjoni li tintbagħat mill-benefiċjarju.

Il-kampjun jista' jiffoka fuq operazzjonijiet ta' vulur għoli, operazzjonijiet fejn preċedentement ġew identifikati xi problemi jew irregolaritajiet jew fejn, waqt il-verifiki amministrattivi, ġew identifikati tranżazzjonijiet partikolari li dehru bħala mhux tas-soltu u li jitolbu aktar eżami (jiġifieri għażla bbażata fuq ir-riskju). Kampjun aleatorju għandu jintgħażel bħala komplement.

Kif imsemmi fit-taqsima 1.2, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw l-għodda ta' Evalwazzjoni tar-Riskju ARACHNE li tista' tidentifika aktar minn 100 riskju assoċjat ma' indikaturi tar-riskju, bħall-akkwist, il-ġestjoni tal-kuntratti, l-eliġibbiltà, il-prestazzjoni, il-konċentrazzjoni kif ukoll twissijiet dwar ir-reputazzjoni u l-frodi. Dan il-programm jippermetti u jgħin lill-AĠ biex tidentifika l-proġetti, il-kuntratti, il-kuntratturi u l-benefiċjarji l-aktar riskjużi u jgħin biex jindirizza l-kapaċità amministrattiva tiegħu għall-każijiet l-aktar riskjużi waqt l-ippjanar ta' żjarat fuq il-post. Barra minn hekk l-identifikazzjoni sistematika tar-riskju tista' tappoġġja lill-AĠ biex tissorvelja l-kompiti delegati lill-KI bħal pereżempju l-kontroll tal-ewwel livell. L-Istati Membri interessati jistgħu jirċievu taħriġ dwar kif jużaw l-għodda.

Meta jkunu identifikati problemi fil-verifiki fuq il-post mill-kampjun aleatorju, id-daqs tal-kampjun għandu jiżdied sabiex jiġi determinat jekk jeżistux problemi simili fl-operazzjonijiet mhux ikkontrollati.

Għall-għażla tal-partiti tan-nefqa li għandhom jiġu verifikati f'kull operazzjoni japplikaw l-istess regoli bħall-verifiki amministrattivi. Jekk wara t-twettiq tal-verifiki fuq il-post, jirriżulta li ammont materjali tan-nefqa li diġà tkun ġiet inkluża f'talba għal pagament sottomessa lill-Kummissjoni huwa irregolari mbagħad l-AĠ jew il-KI għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex isaħħu l-verifiki qabel iċ-ċertifikazzjoni li jmiss lill-Kummissjoni. Dan jista' jinkiseb jew permezz tat-tisħiħ tal-verifiki amministrattivi jew billi jitwettqu verifiki fuq il-post qabel ma n-nefqa tiġi ċċertifikata lill-Kummissjoni.

L-AĠ għandha tkun f'pożizzjoni li turi, permezz ta' dokumentazzjoni adegwata tal-verifiki ta' ġestjoni mwettqa, li l-intensità ġenerali tal-verifiki, kemm amministrattivi kif ukoll fuq il-post, hija suffiċjenti biex tagħti garanzija raġonevoli tal-legalità u tar-regolarità tan-nefqa kofinanzjata taħt il-programm.

L-aħjar prattika għall-AĠ għall-verifika fuq il-post ta' miżuri li jinkludu xogħlijiet ta' kostruzzjoni hija li jitwettqu verifiki addizzjonali fuq il-kwantità u l-kwalità tal-materjal użat. Normalment il-kuntrattur u l-inġinier ta' sorveljanza huma responsabbli biex jiżguraw li l-investiment jikkonforma strettament mal-kundizzjonijiet stipulati fl-ispeċifikazzjoni teknika. Dawn iwettqu verifiki fuq il-kwantità u l-kwalità tal-materjal li jintuża għall-bini. Madankollu f'xi każi l-materjal użat għall-kostruzzjoni ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fl-ispeċifikazzjoni teknika anke jekk il-verifiki kienu twettqu mill-kuntrattur jew l-inġinier ta' superviżjoni. Il-konsegwenzi huma serji u jiswa ħafna flus biex tissewwa l-ħsara ladarba l-investiment ikun finalizzat. Eżempji ta' riskji possibbli:

- Il-wiċċ tat-toroq jeħtieġ li jissewwa ftit wara t-tlestija minħabba li s-saffi jkunu dgħajfa wisq jew is-superfiċje ma tilħaqx il-kwalità stabbilita fl-ispeċifikazzjoni teknika, jew
- Il-kwalità tal-konkrit użat għal bini bħal impjanti għat-trattament tad-drenaġġ tkun insuffiċjenti jew ma tilħaqx l-istandards. Hemm riskju li l-bini jsir inutli jew ikun hemm bżonn ta' xogħlijiet li jiswew ħafna flus biex tissewwa l-ħsara. Verifiki addizzjonali dwar il-kwantità u l-kwalità tal-materjal użat imwettqin mill-AĠ jew espert indipendenti kuntrattat mill-AĠ jgħinu fil-prevenzjoni ta' ħsarat kbar matul u wara l-kostruzzjoni, itejbu l-assigurazzjoni li nfiq regolari biss jiġi ċċertifikat lill-Kummissjoni u, barra minn hekk, jgħinu biex jipprevjenu prattiki ta' korruzzjoni.

### 1.8. Iddokumentar tal-verifiki ta' ġestjoni

Il-verifiki ta' ġestjoni kollha (kemm amministrattivi kif ukoll fuq il-post) għandhom jiġu

dokumentati fil-fajl tal-proġett u r-riżultati jkunu disponibbli għall-persunal u l-korpi kollha kkonċernati. Ir-rekords għandhom jiddikjaraw ix-xogħol imwettaq, id-data meta twettaq ix-xogħol, id-dettalji rieżaminati tal-applikazzjoni għar-rimborż, l-ammont tan-nefqa ttestjata, ir-riżultati tal-verifiki, inkluż il-livell ġenerali u l-frekwenza tal-iżbalji li nstabu, deskrizzjoni sħiħa tal-irregolaritajiet li nstabu b'identifikazzjoni ċara tar-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali li nkisru u l-miżuri korrettivi meħuda. L-azzjoni ta' segwitu tista' tinkludi l-preżentazzjoni ta' rapport dwar irregolarità u proċedura għall-irkupru tal-finanzjament.

Il-listi ta' kontroll, li jservu bħala gwida biex jitwettqu l-verifiki, ħafna drabi jintużaw biex tkun irreġistrata kull azzjoni mwettqa flimkien mar-riżultati. Dawn għandhom ikunu dettaljati kemm jista' jkun. Pereżempju, meta jiġu rreġistrati verifiki dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa, mhuwiex biżżejjed li jkun kemm kaxxa waħda fuq il-lista tal-kontroll li tiddikjara li l-eliġibbiltà tan-nefqa fid-dikjarazzjoni ġiet ivverifikata. Minflok, lista ta' kull wieħed mill-punti vverifikati ta' eliġibbiltà għandha tkun iddettaljata bir-referenza għall-bażi legali relatata (pereż. nefqa mħallsa fi żmien il-perjodu ta' eliġibbiltà, il-konformità ta' dokumenti ta' sostenn u ta' dikjarazzjonijiet bankarji, allokazzjoni adattata u raġjonevoli tal-ispejjeż ġenerali tal-operazzjoni). Fil-każ ta' akkwist pubbliku huwa rakkomandat li jkun hemm listi dettaljati ta' kontroll li jkopru r-riskji ewlenin fil-proċedura ta' akkwist (ara t-taqsima 2.1 hawn taħt).

Għal verifiki inqas kumplessi bħall-verifika ta' somma ta' lista ta' tranżazzjonijiet, ikun biżżejjed li tkun immarkata ċ-ċifra totali biex ix-xogħol ikun irreġistrat bħala lest. L-isem u l-kariga tal-persuna li twettaq il-verifiki u d-data meta twettqu għandhom dejjem ikunu rreġistrati.

Ritratti ta' billboards, kopji ta' fuljetti promozzjonali, materjali għal kors ta' taħriġ u diplomi jistgħu jintużaw biex jipprovdu evidenza tal-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti tar-reklamar.

| |
|---|
| Sistema li tirreġistra u taħżen f'dejta b'forma kompjuterizzata dwar kull operazzjoni għal u minn verifiki mwettqa għandha tinżamm għal kull programm. Ir-rekords jinżammu f'sistemi kompjuterizzati għall-monitoraġġ tal-informazzjoni fl-Istati Membri. Dan jiffaċilita l-ippjanar tal-verifiki, jgħin biex tiġi evitata duplikazzjoni mhux meħtieġa tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni utli lil korpi oħrajn (pereż. AA, AĊ). Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom iżommu reġistru tal-verifiki ta' ġestjoni fejn mill-inqas id-dejta li ġejja tinżamm bil-link għall-verifika rilevanti: valur ta' irregolarità(jiet) identifikati, ammont affettwat, tip ta' irregolarità jew sejba u miżuri meħuda. Dan ir-reġistru għandu jinżamm għal skopijiet tad-dikjarazzjoni tal-ġestjoni u statistika rilevanti għandha tiġi kkomunikata regolarment lil korpi oħra (jiġifieri AA, AĊ). |

Id-dettalji (jiġifieri d-data ta' verifiki fuq il-post ta' operazzjonijiet individwali) għandhom jiġu rreġistrati fis-sistema kompjuterizzata ta' monitoraġġ.

### 1.9. Esternalizzazzjoni ta' verifiki ta' ġestjoni

Bħala prinċipju ġenerali, il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jitwettqu taħt ir-responsabbiltà tal-AĠ mill-korp direttament responsabbli għall-ġestjoni tal-programm jew tal-assi prijoritrji. Għandhom jiġu allokati biżżejjed riżorsi ta' persunal għal dawn il-verifiki sabiex ikun żgurat li jitwettqu kif suppost u fil-ħin (ara t-taqsima 1.4).

Madankollu, f'sitwazzjonijiet fejn minħabba l-volum kbir jew il-kumplessità teknika tal-operazzjonijiet li jkunu jeħtieġu jiġu vverifikati, l-AĠ tara li m'għandhiex riżorsi ta' persunal jew kompetenza biżżejjed biex twettaq il-verifiki hi stess, jista' jkun adegwat li parti jew l-elementi kollha tal-verifiki jiġu fdati lil kumpaniji esterni. Meta tintuża l-għażla tal-esternalizzazzjoni, huwa essenzjali li l-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol li għandu jitwettaq u l-formulazzjoni tal-opinjoni jitniżlu b'mod ċar fit-termini ta' referenza. Għalhekk, il-konsegwenzi ta' kwalunkwe dewmien fit-twettiq ta' dan ix-xogħol jista' jkollu impatt fuq il-livell massimu ta' nefqa eliġibbli li jiddikjaraw sabiex jiġi evitat id-diżimpenn N+3. Sabiex jiġi evitat dan ir-riskju, hu rakkomandat li l-AĠ

timplimenta proċeduri li jiżguraw l-ipproċessar fil-ħin tar-rapporti minn kumpaniji esterni. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-każ ta’ korpi tas-settur pubbliku fejn jista’ jkun hemm dewmien fl-għoti tal-kuntratti għal dan it-tip ta’ xogħol. Hemm ukoll ir-responsabbiltà fuq l-awtorità kontraenti li tivvaluta l-kwalità tax-xogħol esternalizzat, perez. billi teżamina mill-ġdid numru ta' applikazzjonijiet għar-rimborż. Dan ġeneralment ikun jinvolvi li jiġu assenjati riżorsi addizzjonali għal din il-funzjoni. Għaldaqstant, qabel ma tittieħed deċiżjoni li l-verifiki ta' ġestjoni jiġu fdati lil terzi, għandhom jitqiesu dawn il-fatturi kollha.

### 1.10. Ċertifikati tal-awdituri

It-termini ta’ ftehimiet għal forma individwali ta’ sostenn jistgħu jinkludu rekwiżit għall-benefiċjarji biex jipprovdu ċertifikat ta’ awditur mal-applikazzjonijiet għar-rimborż li jissottomettu. Dawn iċ-ċertifikati jvarjaw skont il-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol imwettaq mill-awditur iżda ġeneralment ikopru r-rekwiżiti bażiċi bħall-konferma li n-nefqa tħallset fil-perjodu eliġibbli, li tirrelata ma’ partiti approvati taħt il-ftehim, li kien hemm konformità mat-termini tal-ftehim u li teżisti dokumentazzjoni ta’ sostenn adegwata, inklużi rekords tal-kontabilità. Għalkemm din l-assigurazzjoni skont l-Artikolu 125(5) tas-CPR ma tistax tinkiseb biss minn kontrolli mwettqa mill-benefiċjarji nfushom jew minn partijiet terzi (pereż. awdituri) f’isimhom, iċ-ċertifikati tal-awdituri jistgħu, sakemm ix-xogħol imwettaq ikun ta’ kwalità sodisfaċenti, jiġġustifikaw li l-verifiki ta' ġestjoni jkunu limitati għal kampjun suffiċjenti filwaqt li jitqiesu r-riskji magħrufa, inkluż ir-riskju ta’ nuqqas ta’ indipendenza tal-korp li jipprovdi ċ-ċertifikat. Madankollu, sabiex iċ-ċertifikati jkunu affidabbli, huwa essenzjali li l-AĠ tipprovdi gwida għall-użu mill-awdituri tal-benefiċjarji dwar il-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol li għandu jsir u r-rapport jew iċ-ċertifikat li għandu jkun ippreżentat. Dan m’għandux ikun sempliċiment ċertifikat b’sentenza waħda dwar ir-regolarità tat-talba tal-benefiċjarju, iżda għandu jiddeskrivi x-xogħol imwettaq u r-riżultati.

Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) ħarġet l-Istandard Internazzjonali dwar Servizzi Relatati (ISRS) 4400 li jistabbilixxi standards u jipprovdi gwida dwar ir-responsabbiltajiet professjonali tal-awditur meta jieħu impenn li jwettaq proċeduri li jkun intlaħaq qbil fuqhom fir-rigward ta’ informazzjoni finanzjarja u l-forma u l-kontenut tar-rapport li l-awditur joħroġ fir-rigward ta’ dan l-impenn. Din it-tip ta’ proċedura li jkun intlaħaq qbil fuqha tista’ tintuża għall-għoti taċ-ċertifikat tal-awditur li jakkumpanja applikazzjoni għar-rimborż minn benefiċjarju.

L-objettiv ta’ impenn ta’ proċeduri li ntlaħaq qbil fuqhom huwa li l-awditur iwettaq proċeduri ta’ natura ta’ awditu li l-awditur u l-korp u kull parti terza adatta jkunu qablu fuqhom u li jirrapporta dak li fil-fatt isib. Il-punti li għandu jintlaħaq qbil fuqhom jinkludu:

- In-natura tal-impenn;
- L-iskop tal-impenn;
- L-identifikazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja li għaliha ser ikunu applikati l-proċeduri li jkun sar qbil fuqhom;
- In-natura, iż-żmien u l-firxa tal-proċeduri speċifiċi li għandhom jiġu applikati;
- Il-forma mistennija tar-rapport tas-sejbiet reali.

Ir-rapport għandu jiddeskrivi l-iskop u l-proċeduri li jkun intlaħaq qbil fuqhom tal-impenn f’dettall suffiċjenti li jippermetti lill-qarrej jifhem in-natura u l-firxa tal-ħidma mwettqa. L-ISRS 4400 jinkludi wkoll mudelli utli għal ittri ta’ impenn u għal rapporti dwar is-sejbiet reali.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja annwali awditjata ta’ kumpanija benefiċjarja ma tistax tissostitwixxi ċertifikat speċifiku ta’ awditur għal kull applikazzjoni għar-rimborż magħmula minn dak il-benefiċjarju.

Biex tiġi żgurata l-kwalità u l-affidabbiltà taċ-ċertifikati tal-awdituri, l-AĠ għandha tirrieżamina numru ta' ċertifikati tal-awdituri.

### 1.11. Separazzjoni tad-dmirijiet

Biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet (cf. Artikolu 72(b) tas-CPR) u jiġu evitati r-riskji meta AĠ (jew il-KI) hi responsabbli għal (i) l-għażla u l-approvazzjoni tal-operazzjonijiet, (ii) il-verifiki ta' ġestjoni u (iii) il-pagamenti, għandha tiġi żgurata s-separazzjoni adegwata tad-dmirijiet bejn dawn it-tliet funzjonijiet.

Kif indikat hawn fuq, meta l-AĠ (jew il-KI) tkun ukoll benefiċjarju, għandha tiġi żgurata separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet għall-verifiki skont l-Artikolu 125(5) tas-CPR. Separazzjoni adegwata tista' tinkiseb, pereż., bl-użu ta' dipartiment separat minn ħdan l-istess organizzazzjoni, li jkun dipartiment indipendenti mid-dipartiment li fih ikun jinsab il-benefiċjarju, biex iwettaq il-verifiki ta' ġestjoni. Dan jista' jkun id-dipartiment tal-finanzi jew l-unità tal-awditjar intern, meta l-ebda wieħed minn dawn il-korpi ma jkun il-benefiċjarju u fejn dan tal-aħħar ma jeżegwixxi l-ebda xogħol ta' awditjar taħt l-Artikolu 127 tas-CPR.

Il-persunal li jwettaq il-verifiki taħt l-Artikou 125(5) tas-CPR m'għandux ikun involut fl-awditjar tas-sistemi jew fl-operazzjonijiet imwettqa tħat ir-responsabbiltà tal-AA (l-Artikolu 127 tas-CPR) u viċi versa. L-objettivi tal-verifiki ta' ġestjoni huma differenti minn dawk ta' awditi mwettqa taħt ir-responsabbiltà tal-AA, b'din tal-aħħar tkun imwettqa ex-post (jiġifieri wara li tkun saret l-applikazzjoni għal pagament lill-Kummissjoni). L-objettiv ta' dawn l-awditi huwa li jkun ivvalutat jekk il-kontrolli interni humiex qed jaħdmu b'mod effettiv waqt li l-verifiki ta' ġestjoni jifformaw parti mill-kontrolli interni. Iż-żewġ tipi ta' ħidma għandhom għalhekk ikunu distinti sewwa fl-ippjanar, l-organizzazzjoni, it-twettiq, il-kontenut u d-dokumentazzjoni tagħhom.

Għalkemm il-verifiki ta' ġestjoni u l-awditi taħt ir-responsabbiltà tal-AA għandhom ikunu separati, l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-servizzi tal-AĠ, l-AĊ u l-AA huwa mixtieq. Pereżempju, il-persunal involut fil-verifiki ta' ġestjoni għandu jinżamm informat bir-riżultati tal-awditi u jista' jirrikorri għand l-AA għal parir waqt li din tal-aħħar għandha tqis ir-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni fl-analiżi tar-riskji li tagħmel u fl-istrateġija tal-awditjar.

## 2. Oqsma speċifiċi li jikkonċernaw il-verifiki ta' ġestjoni6

### 2.1. L-akkwist pubbliku

*Referenza:*

*(i) Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi;*

*(ii) Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali;*

*(iii) Il-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar il-liġi Komunitarja applikabbli għall-għoti ta' kuntratti mhux soġġetti jew mhux soġġetti għal kollox għad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-Akkwisti Pubbliċi (2006/C179/02);*

*(iv) Il-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja*

[6] Ir-referenzi magħmulin f'din it-taqsima għal-leġiżlazzjoni tal-UE huma indikattivi, jiġifieri mhumiex eżawrjenti. L-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati huma responsabbli biex jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali kollha rilevanti, inkluż dak mhux espliċitament ikkwotat f'din il-gwida.

*dwar l-Akkwisti Pubbliċi u Konċessjonijiet lil Sħubijiet Pubbliċi-Privati Istituzzjonalizzati (2007/C 6661);*

*(v) "L-identifikazzjoni ta' kunflitti ta' interess fi proċeduri ta' akkwist pubbliku għal azzjonijiet strutturali. Gwida prattika għall-maniġers."[7];*

*(vi) "L-identifikazzjoni ta' dokumenti ffalsifikati fil-qasam tal-azzjoni strutturali. Gwida prattika għall-awtoritajiet ta' ġestjoni."[8];*

*(vii) Id-direttivi l-ġodda tal-akkwist pubbliku:*

- *Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni;*
- *Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE;*
- *Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE;*

*(viii) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527 tad-19.12.2013 dwar l-istabbiliment u l-approvazzjoni tal-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru mill-Kummissjoni għal nefqa ffinanzjata mill-Unjoni b'mmaniġġjar kondiviża għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.*

*(ix) "Gwida għall-prattikanti fuq kif jiġu evitati l-iżbalji l-aktar komuni fl-akkwist pubbliku ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej"*

Il-verifiki fir-rigward tal-akkwist pubbliku għandhom jimmiraw li jiżguraw li jkun hemm konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku u mar-regoli nazzjonali relatati u li l-prinċipji tat-trattament ugwali, in-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza, il-moviment liberu u l-kompetizzjoni jiġu rispettati tul il-proċess kollu. Il-verifiki għandhom jitwettqu kemm jista' jkun malajr[9] wara li jkun seħħ il-proċess partikolari għaliex ħafna drabi jkun diffiċli li tittieħed azzjoni korrettiva f'data aktar tard.

Fl-istadju tal-għoti ta' finanzjament, għandu jkun żgurat li l-benefiċjarji jkunu konxji tal-obbligi tagħhom f'dan il-qasam u li l-persunal ikun irċieva t-taħriġ rilevanti. Xi Stati Membri ppreparaw gwida speċifika dwar jew anke mudelli għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku biex jintużaw mill-benefiċjarji. Dan huwa partikolarment utli fejn il-benefiċjarji jkunu involuti f'kuntratti ta' darba kultant u tonqoshom l-esperjenza rilevanti. Saru gwidi u noti ta' spjega dwar ir-regoli Komunitarji dwar l-akkwist pubbliku mill-Kummissjoni u dawn jipprovdu informazzjoni u spjegazzjonijiet utli (http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/index_en.htm). Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana reċentement iffinalizzat ukoll il-"Gwida għall-prattikanti fuq kif jiġu evitati l-iżbalji l-aktar komuni fl-akkwist pubbliku ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej"[10].

[7] Dokument ta' ħidma abbozzat minn grupp ta' esperti tal-Istati Membri b'sostenn minn OLAF. Hu maħsub biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali u biex titħeġġeġ prattika tajba. Mhix legalment vinkolanti għall-Istati Membri iżda tipprovdi gwida ġenerali b'rakkomandazzjonijiet u tirrifletti l-aħjar prattiki

[8] Dokument ta' ħidma abbozzat minn grupp ta' esperti tal-Istati Membri b'sostenn minn OLAF. Hu maħsub biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali u biex titħeġġeġ prattika tajba. Mhix legalment vinkolanti għall-Istati Membri iżda tipprovdi gwida ġenerali b'rakkomandazzjonijiet u tirrifletti l-aħjar prattika

[9] Għall-akkwist pubbliku f'każ ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati, jekk jogħġbok irreferi għall-Gwida dwar Għażliet ta' Spejjeż Simplifikati (SCO)s, EGFSIE_14-0017.

[10] Se tiġi ppubblikata f'http://ec.europa.eu/regional_policy.

Huwa essenzjali li jintuża persunal b'esperjenza u bil-kwalifiki meħtieġa biex jitwettqu dawn il-verifiki u li jkunu disponibbli listi ta' kontroll li jkun fihom dettall biżżejjed biex ikunu jistgħu jintużaw mill-persunal.

L-AĠ hija ferm rakkomandata biex tipprepara diġà għall-implimentazzjoni tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali L94 tat-28 ta' Marzu 2014 bi skadenza tat-traspożizzjoni sat-18 ta' April 2016.

<u>Intensità tal-verifiki tal-akkwist pubbliku</u>

L-intensità tal-verifiki ta' ġestjoni għandha tkun iddeterminata mill-AĠ skont il-valur u t-tip ta' kuntratti.

F'każ li l-akkwist pubbliku diġà kien ivverifikat minn istituzzjoni kompetenti nazzjonali oħra, ir-riżultati jistgħu jitqiesu għall-finijiet ta' verifika ta' ġestjoni sakemm l-AĠ tieħu r-responsabbiltà għal dawk il-verifiki u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom huwa tal-inqas l-istess kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami li jsir mill-AĠ.

<u>Ippjanar</u>

Il-benefiċjarji huma responsabbli sabiex jiżguraw il-kwalità tal-istudji inizjali, id-disinn u l-preċiżjoni ta' kemm ser jiġi jiswa l-proġett. Meta l-AĠ tqis li hemm riskju, hija għandha tivverifika ex-ante dawn l-elementi bħala miżura ta' prevenzjoni u tikkontrolla wkoll li l-istimi tal-ispiża jkunu aġġornati. Għandu jkun hemm approċċ prudenti f'każijiet fejn l-ispejjeż stimati huma qrib il-livell massimu tal-UE. F'każijiet bħal dawn, huwa rrakkomandat li titqies deċiżjoni għal offerta madwar l-UE kollha minħabba:

- Ir-rekwiżiti għall-AĠ biex tivverifika waqt il-verifiki ta' ġestjoni kif saret l-istima tal-ispejjeż. B'mod partikolari fil-każijiet deskritti hawn fuq, għandu jkun żgurat li l-istima tal-ispejjeż ma tnaqqasx il-prezz bla bżonn biex jiġu evitati offerti madwar l-UE. Li tkun qrib il-limitu massimu huwa fattur ta' riskju;
- L-addenda. Jista' jiġri li l-ispeċifikazzjoni tal-offerta tkun ħalliet barra xi elementi li jiżdiedu aktar tard b'addenda, u b'dawn l-addenda l-ammont tal-kuntratt jaqbeż il-livell massimu tal-UE.

Dan għandu jiżgura li jkunu evitati problemi bis-sejħa għal offerti inizjali kif ukoll dwar xogħlijiet jew kuntratti supplimentari addizzjonali waqt l-implimentazzjoni tal-proġett.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu kkontrollati:

- L-adegwatezza tal-metodu li qiegħed jintuża għall-għoti ta' kuntratti;
- L-interdipendenza bejn il-fażijiet differenti tal-kuntratt (l-akkwisti tal-art, it-tħejjijiet tas-sit, il-konnessjonijiet tal-utilitajiet eċċ.);
- Il-pjanijiet finanzjarji u d-disponibbiltà tal-kofinanzjament nazzjonali.

<u>Tfigħ ta' sejħiet għal offerti</u>

Għal kuntratti ta' valur għoli jew fejn il-benefiċjarji huma meqjusin li m'għandhomx esperjenza fil-qasam tal-akkwist pubbliku, hu rakkomandat li l-AĠ tiżgura, qabel ma tirreklama l-kuntratt, li l-kwalità tad-dokumenti tas-sejħa għal offerti (inklużi t-termini ta' referenza) jiġu vverifikati jew mill-esperti tagħha stess jew minn espert estern. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun ivverifikat li l-ispeċifikazzjonijiet ikunu ddefiniti sewwa rigward il-kapaċitajiet tekniċi, ekonomiċi u finanzjarji u li jintużaw kriterji ta' għażla u għoti adatti.

Għalkemm hemm rekwiżiti speċifiċi ta' reklamar stabbiliti mir-regoli ta' għoti ta' kuntratti tal-UE,

l-AĠ għandha tkun konxja wkoll mill-ħtieġa li tivverifika li, ukoll fejn kuntratti jaqgħu taħt il-livelli tal-UE jew fejn is-servizzi huma soġġetti biss għal applikazzjoni limitata tad-Direttiva 2004/18/KE (jiġifieri l-Anness II B) jew tad-Direttiva 2004/17/KE (jiġifieri l-Anness XVII B), irid isir livell adegwat ta' reklamar (jiġifieri adegwat fil-kuntest tad-daqs u n-natura tal-kuntratt[11]) sabiex jiżgura li jiġu rrispettati l-prinċipji ġenerali tat-Trattat ta' trattament ugwali u ta' trasparenza. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-akkwist pubbliku b'interess transkonfinali. Dan jista' jintlaħaq billi l-benefiċjarji jintalbu jipprovdu kopja tal-pubblikazzjonijiet rilevanti meta jippreżentaw applikazzjonijiet għar-rimborż. Għandha tintalab ukoll evidenza ta' dispaċċ ta' avviżi ta' għoti ta' kuntratt, partikolarment għal servizzi elenkati fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18/KE jew fl-Anness XVII B tad-Direttiva 2004/17/KE.

<u>Kriterji tal-għażla u tal-għoti</u>

Sabiex ikun ivverifikat sewwa li l-għażla ta' sejħa għal offerti u l-proċeduri tal-għoti twettqu skont ir-regoli tal-UE u dawk nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku, l-AĠ għandha takkwista u tirrevedi r-rapporti ta' evalwazzjoni tas-sejħiet għal offerti mħejjija mill-kumitati għall-evalwazzjoni. Barra minn hekk, l-AĠ jew il-korpi kostitwiti kif applikabbli għandhom jirrieżaminaw kwalunkwe lmenti mressqa lill-awtorità kontraenti jew lill-korpi kostitwiti mill-offerenti. Matul il-verifiki ta' ġestjoni l-AĠ għandha tiżgura ruħha li l-proċedura ta' lmenti kienet segwita korrettement. Dawn l-ilmenti jistgħu jenfasizzaw dgħufijiet possibbli fil-proċedura tal-għoti tas-sejħiet għal offerti.

| |
|---|
| Għal kuntratti li jaqbżu l-limiti massimi stabbiliti fid-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, l-AĠ f'xi Stati Membri tibgħat osservatur biex jevalwa s-sejħiet għal offerti. Imbagħad jitħejja rapport li jniżżel il-konklużjonijiet tal-osservatur rigward l-evalwazzjoni tas-sejħa għal offerti. L-osservatur jivverifika li jkun tħejja rapport dwar l-evalwazzjoni tas-sejħa għal offerti, li jkun dettaljat biżżejjed u li juri kif il-kumitat tal-evalwazzjoni wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Dan l-approċċ jista' ma jkunx prattiku fejn in-numru ta' kuntratti li jaqbżu l-limiti massimi jkun wieħed għoli, iżda huwa rakkomandat fejn ikun magħruf li l-awtorità li toħroġ il-kuntratti jkun jonqosha l-esperjenza rilevanti. Huwa jista' jintuża wkoll fuq bażi ta' kampjun limitat biex tinkiseb il-garanzija li l-awtoritajiet aktar stabbiliti li joħorġu l-kuntratti, li huma responsabbli għal numru kbir ta' kuntratti li jaqbżu l-limitu, qed jikkonformaw mar-regoli rilevanti dwar l-akkwisti. |

Oqsma partikolari tal-evalwazzjoni tas-sejħa għal offerti u tal-proċeduri tal-għoti li l-awditi tal-Kummissjoni identifikaw bħala problematiċi jinkludu:

- L-ebda separazzjoni bejn il-fażi tal-għażla u l-fażi tal-għoti u konfużjoni bejn il-kriterji tal-għażla u l-kriterji tal-għoti;
- Il-kriterji tal-għażla użati inkorrettament matul il-fażi tal-għoti;
- Il-kriterji tal-għażla u tal-għoti ma ġewx ippubblikati fl-avviż dwar l-offerta jew l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta.
- L-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi diskriminatorji jew permessi nazzjonali mitluba fl-istadju tas-sejħiet għall-offerti;
- Il-kriterji tal-għażla u tal-għoti minbarra dawk li ġew ippubbilkati jintużaw waqt il-valutazzjoni;

[11] Il-kawża C-324/98 Telaustria [2000] ECR I-10745 u l-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar il-liġi Komunitarja applikabbli għall-għoti ta' kuntratti mhux soġġetti jew mhux soġġetti għal kollox għad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku (2006/C 179/02)

- Il-kriterji użati ma kinux konformi mal-prinċipji fundamentali tat-Trattat (trasparenza, nondiskriminazzjoni, trattament ugwali);
- Dokumentazzjoni inadegwata tad-deċiżjonijiet meħuda mill-kumitat tal-valutazzjoni;
- Kriterji tal-għażla dissważivi wisq mhux marbuta mas-suġġett tal-kuntratt.

Xi Stati Membri stabbilixxew unità indipendenti għall-kontroll tal-akkwist pubbliku li għandha s-setgħa li twettaq kontrolli fl-istadji kollha tal-proċedura ta' sejħa għal offerti, sal-fażi tal-firma tal-kuntratt. Rigward il-kuntratti kemm dawk iffinanzjati fuq livell nazzjonali kif ukoll dawk iffinanzjati mill-UE, il-persunal jista' jassisti fl-evalwazzjonijiet tas-sejħiet għal offerti fil-kapaċità ta' osservaturi. Fejn ikollhom tħassib dwar kwalunkwe element tal-proċedura, huma jirrapportawh kemm lill-awtorità kontraenti kif ukoll lill-AĠ. B'dan il-mod, l-AĠ issir konxja minn kwalunkwe problema potenzjali rigward il-kuntratt u, qabel ma tapprova kwalunkwe nfiq iddikjarat mill-benefiċjarju rigward il-kuntratt affettwat, hija tista' titlob informazzjoni kemm mill-benefiċjarju kif ukoll mill-unità pubblika għall-verifika tal-akkwisti biex tiżgura li l-problemi identifikati jkunu ġew indirizzati b'mod adegwat. Ftehim bejn l-AĠ u l-unità pubblika għall-verifika tal-akkwist pubbliku jista' jintuża biex jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni u l-kopertura tal-verifiki tal-kuntratti ffinanzjati mill-UE.

Fażi ta' implimentazzjoni tal-kuntratt

Oqsma partikolari tal-fażi ta' implimentazzjoni tal-kuntratt li l-awditi tal-Kummissjoni identifikaw bħala problematiċi jinkludu:

- Xogħlijiet supplimentari jew kumplementari li ngħataw direttament mingħajr ma' nħarġu l-offerti mill-ġdid;
- Emenda sostanzjali tal-kundizzjonijiet essenzjali tal-kuntratt fl-istadju tal-implimentazzjoni.

Għal kuntratti li jaqbżu l-limitu fid-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, l-aħjar prattika tkun tinkludi proċedura li tiżgura li l-kuntratti supplimentari jew kumplimentari sinifikanti kollha jew l-emendi sostanzjali għall-kuntratti jkunu notifikati lil unità għall-verifika tal-akkwist pubbliku jew l-AĠ qabel ma jiġu ffirmati mill-awtorità kontraenti. Dan jippermetti li kull verifika kkunsidrata meħtieġa biex tiżgura li jkun hemm konformità mar-regoli rilevanti tal-akkwist pubbliku titwettaq qabel ma jkunu ffirmati l-kuntratti jew l-emendi relatati[12].

Eżempji tal-kwistjonijiet l-aktar komuni identifikati fil-passat mill-Kummissjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku:

- Xogħlijiet addizzjonali – l-għoti dirett fl-assenza ta' ċirkostanzi li awtorità kontraenti diliġenti ma setgħetx tbassar;
- Kriterji ta' għoti illegali;
- Qsim ta' proġett biex jiġu evitati proċeduri ta' sejħa għall-offerti fuq livell tal-UE;
- Kriterji ta' għażla illegali;
- Skadenzi restrittivi wisq għal sejħa għal offerti;
- Għoti dirett ta' kuntratt;
- Nuqqas ta' konformità ma' proċeduri ta' reklamar;

[12] Kawżi tal-Qorti T-540/10 u T-235/11 mill-21/01/2013 dwar l-interpretazzjoni ta' ċirkostanzi mhux previsti li jikkonċernaw addenda għal kuntratti.

- Dgħufijiet fil-kjarifika ta’ offerti;
- Nuqqas ta' sekwenza tal-awditjar adegwata;
- Użu mhux ġustifikat ta’ proċeduri negozjati u aċċellerati;
- Nuqqasijiet fil-każ ta’ kalkolu tal-valur tal-kuntratt;
- Nuqqasijiet fir-rispett tal-iskadenza stabbilita;
- Ix-xogħlijiet bdew qabel ma tlestiet il-proċedura tas-sejħa għall-offerti.

## 2.2. Ambjent

Il-liġi Komunitarja tinkorpora aktar minn 200 att legali fil-qasam tal-ambjent. Dawn il-miżuri leġiżlattivi jkopru s-setturi ambjentali kollha, inkluż l-ilma, l-arja, in-natura, l-iskart, u l-kimiċi waqt li oħrajn jittrattaw kwistjonijiet trasversali bħal aċċess għal informazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta’ deċiżjonijiet ambjentali. Filwaqt li l-*acquis* ambjentali japplika għal azzjonijiet kofinanzjati, fil-kuntest tal-FSIE l-oqsma tematiċi li ġejjin huma ta’ rilevanza partikolari:

- Id-Direttiva[13] dwar il-**Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali** (EIA) tirrikjedi li l-Istati Membri jwettqu valutazzjoni ta’ ċerti proġetti pubbliċi u privati li x’aktarx ikollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent qabel l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tal-proġett. Għalkemm għadhom ma ġewx inklużi b’mod ċar fir-rekwiżiti formali tal-EIA, l-impatti tal-klima fuq il-proġett, imsejħa l-adattament għat-tibdil fil-klima, għandhom jiġu indirizzati wkoll matul il-proċess ta’ tfassil ta’ xi proġetti[14]. Id-Direttiva tqis id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Aarhus dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali. Id-Direttiva dwar l-EIA tinkludi dispożizzjoni li tittratta każijiet eċċezzjonali (l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva). Il-gwida reċenti tenfasizza n-natura eċċezzjonali taċ-ċirkostanzi li fihom tista’ tintuża dik id-dispożizzjoni (f’konformità mal-approċċ standard tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għal derogi interpretattivi).
- Id-Direttiva[15] dwar il-**Valutazzjoni ambjentali strateġika** (SEA) - Il-valutazzjoni ambjentali tista' titwettaq għal proġetti individwali abbażi tad-Direttiva dwar l-EIA msemmija iktar 'il fuq jew għal pjanijiet jew programmi pubbliċi abbażi tad-Direttiva dwar l-SEA. Minbarra li tirrikjedi lill-Istati Membri biex jagħmlu valutazzjoni qabel ma jkun approvat programm operazzjonali, id-Direttiva dwar l-SEA tipprovdi indikaturi ta’ monitoraġġ biex ikunu identifikati, fi stadju bikri, effetti avversi mhux previsti u biex tittieħed azzjoni ta’ rimedju adegwata. Jekk adatt, l-arranġamenti eżistenti ta’ monitoraġġ jistgħu jintużaw biex tkun evitata d-duplikazzjoni. Barra dan, il-proċess tal-SEA diġà mwettaq jeħtieġ li jiġi aġġornat jekk ikun hemm bidliet sinifikanti fil-programm operazzjonali. Jekk il-programmi operazzjonali jwasslu għal aktar pjanijiet u programmi, allura għandu jiġi vvalutat jekk dawn ukoll jeħtiġux proċess tal-SEA. Finalment, għandu jkun innotat li l-Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Iskart meħtieġa skont id-Direttiva ta’ Qafas dwar l-Iskart jeħtieġu SEA mandatarju. Huma biss dawk l-interventi u x-xogħlijiet infrastrutturali li huma f’konformità mal-Pjanijiet tal-Iskart notifikati lill-Kummissjoni li huma ammissibbli għal finanzjament.

---

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta’ ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent. Id-Direttiva dwar l-EIA tal-1985 u t-tliet emendi tagħha ġew kodifikati bid-Direttiva 2011/92/UE tat-13 ta’ Diċembru 2011. Id-Direttiva 2011/92/UE ġiet emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2014/52/UE tas-16 ta’ April 2014. Id-data ta’ skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/52/UE hija s-16 ta’ Mejju 2017.

[14] Ara l-*Gwida dwar l-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-bijodiversità f’valutazzjoni tal-impatt ambjentali*, Kummissjoni Ewropea, DĠ Ambjent, 2013. Dan l-obbligu għandu japplika għal proġetti li għalihom il-proċedura tal-EIA tibda wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/52/UE fil-liġi nazzjonali (mhux aktar tard mis-16 ta’ Mejju 2017).

[15] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istima tal-effetti ta’ ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2014/52/UE.

- **L-Informazzjoni Ambjentali** - Id-Direttiva[16] dwar il-libertà ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent timmira li tagħmel l-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi dwar l-ambjent aktar aċċessibbli għall-pubbliku u li tiżgura li mal-Komunità kollha jkunu applikati standards ġusti ta' aċċess għall-informazzjoni.

  **In-Natura** hi koperta mid-Direttivi[17] dwar l-Għasafar u l-Ħabitati, b'mod partikolari fir-rigward ta' impatti fuq in-netwerk tas-siti Natura 2000. Flimkien, dawn id-Direttivi jipprovdu skema ta' protezzjoni komprensiva għal firxa ta' annimali u pjanti kif ukoll għall-għażla ta' tipi ta' ħabitati. Sabiex ikun restawrat jew jinżamm status ta' konservazzjoni favorevoli għall-ħabitati naturali u għal speċijiet ta' interess Komunitarju, id-Direttiva dwar il-Ħabitati stabbilixxiet in-netwerk ekoloġiku Natura 2000 ta' żoni protetti, li sar il-fus tal-politika tal-KE dwar in-natura u l-bijodiversità. Id-Direttiva dwar il-Ħabitati (fl-Artikolu 6) tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għal valutazzjoni adatta tal-impatti u miżuri ta' mitigazzjoni u kumpens.

- **L-Ilma** – Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma[18] tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-korpi kollha tal-ilma (jiġifieri xmajjar, lagi, ilmijiet tranżizzjonali, ilmijiet kostali, kanali u ilma taħt l-art) fl-Unjoni Ewropea. L-objettiv ewlieni tagħha huwa li tilħaq status ta' kwalità tajba għar-riżorsi tal-ilma sal-2015 permezz ta' ġestjoni integrata abbażi ta' distretti ta' baċini tax-xmajjar. Tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi (fl-Artikolu 4.7) għall-valutazzjoni ta' infrastrutturi b'riskji potenzjali ta' deterjorament tar-riżorsi tal-ilma, pereżempju relatati ma' proġetti ta' passaġġi interni tal-ilma.

- **L-iskart** - Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart[19] tistabbilixxi rekwiżiti bażiċi dwar il-ġestjoni tal-iskart u tistabbilixxi ġerarkija għal għażliet tal-ġestjoni tal-iskart (f'ordni ta' preferenza dixxendenti: prevenzjoni, irkupru, użu mill-ġdid, materjal riċiklat, irkupru tal-enerġija, u rimi). Sabiex proġett ta' infrastruttura għall-ġestjoni tal-iskart ikun kofinanzjat mill-FEŻR jew mill-Fond għall-Koeżjoni, hu għandu jkun parti minn pjan koerenti għall-ġestjoni tal-iskart. Id-Direttiva dwar it-Terrafermi[20] tistabbilixxi sett ta' regoli dettaljati sabiex tipprevjeni jew timminimizza l-effetti negattivi li s-siti tat-terrafermi għall-iskart jista' jkollhom, inkluż it-tniġġis tal-ħamrija, l-arja u l-ilma u r-riskji għal saħħet il-bniedem u biex jitnaqqsu l-kwantitajiet ta' skart bijodegradabbli li jmorru fit-terrafermi. Id-Direttiva dwar l-Inċinerazzjoni[21] timmira li tipprevjeni jew tillimita sakemm ikun prattikabbli l-effetti negattivi fuq l-ambjent u r-riskji li jirriżultaw għal saħħet il-bniedem, mill-inċinerazzjoni tal-iskart. Hija timponi kundizzjonijiet operazzjonali u rekwiżiti tekniċi stretti u tistabbilixxi valuri tal-limitu għall-emissjonijiet għal impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart fi ħdan l-UE.

Numru ta' Direttivi bl-għan li jtejbu r-riċiklaġġ, bħal dawk dwar l-iskart mill-imballaġġ, apparat tal-elettriku u elettroniku, il-vetturi u l-batteriji, jistabbilixxu miri vinkolanti għar-riċiklaġġ tal-iskart jew materjal speċifiku li jinsab fihom. Bosta minnhom jiddikjaraw espliċitament li l-produtturi tal-prodotti jkunu finanzjarjament responsabbli għat-trattament adatt tal-iskart.

---

[16] Id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE, kif emendata bid-Direttiva 2003/4/KE

[17] Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (verżjoni kodifikata tad-Direttiva 79/409/KEE) kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2013/17/UE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi; Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2013/17/UE.

[18] Id-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2008/32/KE

[19] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2011/97/UE.

[20] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terrafermi, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2011/97/UE.

[21] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/76/KE dwar l-inċinerazzjoni ta' skart, kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1137/2008

Il-verifiki ta' ġestjoni fil-qasam ambjentali għandhom jivverifikaw li l-benefiċjarju kkonforma mad-Direttivi applikabbli billi jikkontrollaw jekk kinux akkwistati l-permessi rilevanti mingħand l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali skont il-proċeduri. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali huma responsabbli biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE tkun applikata b'mod korrett, u li jittieħdu l-passi adatti jekk dan ma jkunx il-każ.

Sabiex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom skont l-Artikolu 125(3) tas-CPR, waqt l-operazzjonijiet tal-għażla u ta' approvazzjoni, l-AĠ għandha tiżgura li għandha aċċess għal kompetenza interna u esterna biex tassistiha fl-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali rilevanti kollha relatati mat-tip partikolari ta' operazzjoni li qed tiġi approvata. Relazzjonijiet mill-qrib ta' ħidma mal-aġenziji ambjentali nazzjonali jistgħu jiġu stabbiliti biex l-AĠ jkollha l-għajnuna f'dan ir-rigward.

Bl-istess mod, għall-finijiet tal-verifiki ta' ġestjoni ddefiniti fl-Artikolu 125(5) tas-CPR, l-AĠ għandha tiżgura li jkollha aċċess għal kompetenza rilevanti biex tkun ivverifikata l-konformità kontinwa tal-operazzjonijiet mar-regoli ambjentali.

### 2.3. Għajnuna mill-Istat

L-Istati Membri għandhom jikkonformaw mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-għajnuna mill-Istat hija preżenti jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107 (1) tat-Trattat huma ssodisfati: kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerta merkanzija, sakemm din taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Skont sa liema punt tkun preżenti l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri huma meħtieġa li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, u ma jistgħux jimplimentaw l-għajnuna mill-Istat sakemm il-Kummissjoni tkun approvat l-għajnuna. Madankollu, ċerti miżuri huma eżentati minn notifika minħabba li huma kompatibbli mat-Trattat jekk dawn jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet (eżenzjonijiet ta' kategorija) jew jekk dawn ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat (*de minimis*).

Għalkemm il-proċess tal-għażla huwa kruċjali biex tiġi vvalutata l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-għan tal-verifiki ta' ġestjoni huwa wkoll li jiġi verifikat jekk operazzjoni fihiex element ta' għajnuna mill-Istat u mbagħad biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-bażi legali rilevanti jiġu mħarsa.

Ir-regolamenti u l-linji gwida li ġejjin dwar l-għajnuna mill-Istat huma tipikament rilevanti għall-valutazzjoni[22]:

- *Regoli de minimis* - ir-Regolament Nru 1407/2013 jew possibilment regolamenti preċedenti. Hemm ukoll Regolament *de minimis* speċifiku għas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012);
- Regoli ta' eżenzjoni ta' kategorija - ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, ir-Regolament (KE) Nru 800/2008 ta' eżenzjoni ta' kategorija preċedenti ġie mħassar bl-Artikolu 57 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, soġġetti għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stipulati fl-Artikolu 58 ta' dak ir-Regolament;
- Għajnuna notifikata (individwali jew skemi) - ara s-sit web tad-DĠ Kompetizzjoni:

[22] F'dan id-dokument ta' gwida mhuwiex possibbli li tingħata ħarsa ġenerali sħiħa tal-acquis kollu dwar l-għajnuna mill-Istat. L-acquis dwar l-għajnuna mill-Istat huwa elenkat fis-sit web tad-DĠ Kompetizzjoni: http://ec.europa.eu/competition/state_aid/overview/index_en.html
Is-sit web jiġi aġġornat regolarment.

http://ec.europa.eu/competition/state_aid/register .

Lista ta’ Regolamenti u Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat hija disponibbli f'dan is-sit web: http://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/legislation.html

Fir-rigward ta’ strumenti finanzjarji, il-verifika għandha tqis ukoll id-dokumenti li ġejjin:

- Finanzjament ta' riskju: Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta’ riskju 2014/C 19/04;
- Garanzija: L-avviż tal-Kummissjoni 2008/C155/02 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta’ garanziji;
- Self: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2008/C14/02 dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta’ referenza u ta’ skont.

Barra dan, kif iddikjarat fil-gwida rilevanti[23]: *"F'dak li jirrigwarda l-istrumenti finanzjarji, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom jiġu rispettati min-naħa tat-tliet livelli: AĠ, Fond tal-Fondi u Intermedjarju Finanzjarju. L-għajnuna għandha titqies fuq livelli differenti: il-maniġer tal-fondi (li huwa remunerat), l-investitur privat (li jipparteċipa f’koinvestiment u jista’ jirċievi l-għajnuna) u r-riċevitur finali”.* Għall-FSIE, l-Artikolu 37(12) CPR jikkjarifika l-applikabbiltà rilevanti: *"Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu, ir-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom ikunu dawk fis-seħħ fiż-żmien meta l-AĠ jew il-korp li jimplimenta l-fond tal-fondi jimpenja kuntrattwalment kontribuzzjonijiet tal-programm għal strument finanzjarju, jew meta l-istrument finanzjarju jimpenja kuntrattwalment kontribuzzjonijiet tal-programm għar-riċevituri finali, skont kif japplika."*

F’termini prattiċi, il-verifiki ta' ġestjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom jikkomplementaw il-kontrolli mwettqa waqt l-għażla tal-proċess tal-operazzjoni:

(1) Huma għandhom jivverifikaw jekk l-operazzjoni tinkludix għajnuna mill-Istat. Għandu jiġi nnotat li l-għajnuna mill-Istat mhix eskluża jekk il-benefiċjarju huwa organizzazzjoni mingħajr skop ta’ qligħ jew korp pubbliku. Għal dan il-għan, għandu jiġi kkunsidrat jekk il-benefiċjarju hux qed iwettaq attività ekonomika (jiġifieri li joffri oġġetti u servizzi f’suq miftuħ għall-kompetizzjoni) irrispettivament mill-istatus legali tiegħu.

(2) Il-bażi legali (normalment fuq il-bażi ta’ dokumentazzjoni ta’ għażla tal-operazzjoni) għandha tkun identifikata b’mod ċar.

(3) L-użu ta’ lista ta’ kontroll speċifika għal kull tip ta’ miżura ta’ għajnuna mill-Istat huwa rakkomandat ħafna biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha jiġu ttestjati. Lista ta' kontroll bħal din tintuża bħala dokument informali u ta’ sekwenza tal-awditjar tal-kontrolli mwettqa.

Għalkemm it-testijiet ta’ konformità prinċipali jkunu twettqu matul il-proċess tal-għażla, għandhom jitwettqu testijiet kumplementari matul il-verifiki ta’ ġestjoni. Pereżempju:

- Fir-rigward tar-regola *de minimis*, huwa possibbli li jiġu vverifikati l-kontijiet tal-benefiċjarju biex jiġi żgurat li l-limitu *de minimis* ma jinqabiżx u li jiġi verifikat li huwa rrispettat għall-impriżi kollha li jappartjenu għall-istess grupp (tal-inqas permezz ta’ dikjarazzjoni kif stipulat fir-Regolamenti *de minimis* jew permezz ta’ mezz permess mir-regoli nazzjonali);

[23] Ara t-Taqsima 7.7. ta' “L-istrumenti finanzjarji fil-programmi tal-FSIE 2014-2020 - Gwida ta’ referenza qasira għall-awtoritajiet ta' ġestjoni” (EGFSIE_ 14_ 0038-03 tal-10 ta’ Diċembru 2014), disponibbli fuq http://ec.europa.eu/regional_policy/thefunds/fin_inst/pdf/fi_esif_2014_2020.pdf

- fir-rigward ta' eżenzjonijiet ta' kategorija, għandha tingħata attenzjoni partikolari għad-definizzjoni tal-SMEs, id-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għal kull tip ta' miżuri (effett ta' inċentiv, trasparenza, eċċ.) u d-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kategoriji differenti ta' għajnuna (i.a. ammonti massimi, intensità massima, spejjeż eliġibbli.);
- fir-rigward ta' għajnuna nnotifikata, il-kundizzjonijiet stipulati fl-għajnuna approvata għandhom jiġu ttestjati.

| |
|---|
| Huwa essenzjali li tiġi żgurata verifika tajba tal-għajnuna mill-Istat, ibbażata fuq listi ta' kontroll speċifiċi għal kull miżura li se tintuża bħala dokument informali u ta' sekwenza tal-awditjar tal-kontrolli mwettqa. |

Eżempji tal-kwistjonijiet l-aktar komuni identifikati fil-passat mill-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat:

- Nuqqas ta' verifika tar-regola *de minimis*;
- Limiti massimi tal-għajnuna permissibbli nqabżu minħabba l-fatt li kumpanija ma tikkwalifikax bħala SME u għalhekk mhix intitolata għal bonus ta' SME;
- Bidu bikri tax-xogħlijiet (qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna) jew qabel l-approvazzjoni mill-awtorità li tagħti l-għajnuna;
- Kontrolli insuffiċjenti ta' "effett ta' inċentiv" għall-għajnuna.

### 2.4. Strumenti finanzjarji

*Referenza:*

*(i) L-Artikoli 40 u 125(9) tas-CPR.*

*(ii) L-Anness IV tas-CPR (rekwiżiti minimi ta' ftehimiet ta' finanzjament jew dokumenti ta' strateġija);*

*(iii) L-Artikolu 9 u 25 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 480/2014[24];*

*(iv) Ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15/11/2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi;*

*(v) Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26/10/2005 dwar il-kontrolli ta' flus kontanti deħlin jew ħerġin mill-Komunità;*

*(vi) Id-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4/12/2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus;*

*(vii) Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26/10/2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;*

*(viii)* "Strumenti finanzjarji fi programmi FSIE 2014-2020, gwida ta' referenza qasira għall-Awtoritajiet Maniġerjali" *(EGFSIE_14_0038-03 tal-10 ta' Diċembru 2014)[25], li se tiġi ssupplimentata b'aktar gwida speċifika ddettaljata kif rilevanti, inkluż f'komplementarjetà ma' fi-compass, il-pjattaforma unika għal servizzi konsultattivi dwar l-istrumenti finanzjarji taħt il-FSIE(http://www.fi-compass.eu/)[26].*

---

[24] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv:OJ.L_.2014.138.01.0005.01.ENG

[25] http://ec.europa.eu/regional_policy/thefunds/fin_inst/pdf/fi_esif_2014_2020.pdf

[26] Il-verżjoni finali tal-gwida dettaljata u l-iskedi ta' interpretazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji se jkunu disponibbli fuq INFOREGIO fl-ewwel stadju u aktar tard f'http://www.fi-compass.eu/, li se tiċċentralizza l-materjal kollu dwar strumenti finanzjarji.

Il-verifiki ta’ ġestjoni fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-FSIE, is-salvagwardja tal-assi u l-monitoraġġ u r-rappurtar finanzjarju affidabbli mill-korpi li jimplimentaw il-fondi tal-fondi jew l-istrument finanzjarju, kif adegwat.

Fil-każ ta’ operazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji, l-AĠ għandha twettaq verifiki amministrattivi għal kull applikazzjoni għal pagament sottomessa mill-benefiċjarju. L-intermedjarju finanzjarju jista’ jkun ukoll benefiċjarju f’każ li jimmaniġġja fond tal-fondi jew l-istrument finanzjarju direttament. Il-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju jirrapporta lill-korp li jimplimenta l-fond tal-fondi (jekk ikun hemm) li jirrapporta lill-AĠ.

Rigward l-istrumenti finanzjarji implimentati mill-BEI skont l-Artikolu 38(4)(b)(i) tas-CPR u kif stabbilit mill-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014, l-AĠ għandha tagħti mandat lil kumpanija li għandha topera taħt qafas komuni stabbilit mill-Kummissjoni biex twettaq verifiki fuq il-post għall-operazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 125(5)(b) tas-CPR. Il-qafas komuni tal-awditjar attwali qed jiġi aġġornat mill-Kummissjoni u se jiġi diskuss mal-Istati Membri. Sadanittant, l-AĠ hija mistiedna tikkonsulta lill-Kummissjoni għal parir dwar il-metodoloġija f’dan ir-rigward, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(4) tal-imsemmi Regolament.

Għandu jiġi żgurat li l-istabbiliment ta’ strument finanzjarju kif ukoll l-implimentazzjoni tiegħu jkunu f’konformità mal-liġi applikabbli, inklużi r-regoli li jkopru l-Fondi ESI, l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku u l-istandards rilevanti u l-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-frodi fiskali. L-istabbiliment għandu jkun ivverifikat permezz tal-ewwel applikazzjoni għal pagament u l-implimentazzjoni permezz ta' kull applikazzjoni sussegwenti.

Rigward l-istabbiliment, fost l-oħrajn, l-aspetti li ġejjin għandhom jiġu vverifikati:

- il-valutazzjoni ex-ante taħt l-Artikolu 37(2) tas-CPR;
- l-għażla ta' implimentazzjoni taħt l-Artikolu 38 tas-CPR;
- id-disinn tal-istrument finanzjarju (b'fondi ta' fondi jew mingħajrhom) pereż. il-prodotti finanzjarji li għandhom jiġu offruti, ir-riċevituri finali fil-mira u l-kombinament previst ma’ għotja ta’ sostenn kif adegwat);
- il-kontenut ta' ftehim(iet) ta’ finanzjament jew dokument ta’ strateġija (ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness IV tas-CPR);
- l-għażla u l-ftehimiet ma’ fond ta’ fondi jew intermedjarji finanzjarji;
- il-kontijiet fiduċjarji jew blokk separat ta’ finanzi (għall-għażla taħt l-Artikolu 38(4)(b) tas-CPR biss);
- il-kofinanzjament nazzjonali (l-Artikolu 38(9) tas-CPR) i.e. biex jiġu traċċati l-kontribuzzjonijiet nazzjonali provduti fuq livelli differenti;
- l-għajnuna mill-Istat (i.a. ir-regoli dwar finanzjament ta' riskju, ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija, de minimis - ara l-punt 2.3)

Rigward l-implimentazzjoni, fost l-oħrajn, l-aspetti li ġejjin għandhom jiġu vverifikati:

- Il-konformità mal-elementi ta’ ftehimiet ta’ finanzjament (irrispettivament mil-livell fejn jiġu ffirmati), inkluż:

- L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' investiment (pereż. prodotti, riċevituri finali, kombinament ma' għotjiet);
- L-implimentazzjoni ta' pjan ta' negozju inkluż l-ingranaġġ;
- Il-kalkolu u l-pagament ta' spejjeż ta' ġestjoni;
- Il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-implimentazzjoni tal-investimenti inkluż ukoll fil-livell tar-riċevituri finali, ir-rekwiżiti tal-awditjar u s-sekwenza tal-awditjar;
- L-għażla u l-ftehimiet ma' intermedjarji finanzjarji jekk ikun hemm tibdil meta mqabbel mal-istabbiliment.

Għal strumenti finanzjarji mmaniġġjati taħt l-Artikolu 38(4)(c), għandha tiġi verifikata l-konformità mad-dokument ta' strateġija msemmi fl-Artikolu 38(8) .

Il-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra t-terroriżmu tista' tkun ibbażata fuq l-assigurazzjoni pprovduta minn korp nazzjonali fdat bil-liġi b'setgħat ta' spezzjoni f'dan il-qasam u b'kompetenzi biex jikkontrolla l-korp li jimplimenta l-fond tal-fondi u l-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju. Il-leġiżlazzjoni applikabbli ewlenija hi elenkata hawn fuq.

Għal verifiki fuq il-post, hemm differenza bejn:

- l-istrumenti finanzjarji stabbiliti fuq il-livell tal-Unjoni mmaniġġjati direttament jew indirettament mill-Kummissjoni fejn l-AĠ mhix se twettaq verifiki fuq il-post (l-Artikolu 40 (1) u (2) tas-CPR) iżda għandha tirċievi rapport ta' kontroll regoli mill-korpi fdati bl-implimentazzjoni ta' dawk l-istrumenti finanzjarji, u
- l-istrumenti finanzjarji stabbiliti fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali, transnazzjonali jew transfruntier immaniġġjati minn jew taħt ir-responsabbiltà tal-AĠ, fejn l-AĠ għandha twettaq verifiki fuq il-post.

Il-verifiki fuq il-post għandhom isiru fl-ewwel istanza fuq il-livell tal-istrument finanzjarju. Huma għandhom jitwettqu fil-livell tar-riċevitur finali (pereż. fuq bażi ta' kampjun) jekk l-AĠ tqis li dan ikun ġustifikat minħabba l-livell ta' riskju identifikat.

Għandu jiġi nnutat ukoll li l-aspetti ta' eliġibbiltà għandhom jiġu kkunsidrati, inkluż:

- Il-kundizzjonijiet relatati mal-istadju ta' investiment: ġeneralment, l-investimenti li għandhom jiġu sostnuti permezz ta' strumenti finanzjarji m'għandhomx ikunu tlestew fiżikament jew implementati bis-sħiħ fid-data tad-deċiżjoni tal-investiment (Artikolu 37(5) tas-CPR; madankollu teżisti deroga minn din ir-regola skont l-Artikolu 37(6) tas-CPR;
- Il-kombinament ta' strumenti finanzjarji ma' tipi oħra ta' sostenn fi ħdan l-istess operazzjoni (l-Artikolu 37(7)) jew bħala operazzjoni separata (Artikolu 37(8) tas-CPR). Il-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 37(9) tas-CPR iridu jitħarsu;
- Il-limitazzjonijiet għal kontribuzzjonijiet in natura (l-Artikolu 37(10) tas-CPR);
- It-trattament tal-VAT (fil-każ li għotjiet u strumenti finanzjarji jiġu kkombinati f'operazzjoni waħda, l-Artikolu 37(11) tas-CPR);
- Il-kapital operazzjonali;
- L-impriżi f'diffikultà (limitazzjoni skont l-Artikolu 3(3)(d) tal-FEŻR u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat).

Ir-rekwiżiti għas-sekwenza tal-awditjar: Il-benefiċjarju għandu jkun responsabbli biex jiżgura li d-dokumenti ta' sostenn ikunu disponibbli u m'għandux jimponi fuq ir-riċevituri finali r-rekwiżiti taż-

żamma tar-rekords li jmorru lil hinn minn dak li hu meħtieġ u jippermettulhom jissodisfaw dik ir-responsabbiltà (l-Artikolu 40(5) tas-CPR). Għandhom jinżammu rekords separati għal kull forma ta' sostenn f'każ li operazzjoni waħda tikkombina strumenti finanzjarji ma' għotjiet, ma' sussidji tar-rati tal-imgħax u/jew ma' sussidji ta' tariffi ta' garanzija u meta riċevitur finali sostnut minn strument finanzjarju jirċievi wkoll għajnuna minn sors ieħor iffinanzjat mill-Unjoni (l-Artikoli 37(7) u (8) tas-CPR).

Minħabba li huwa possibbli li jkun hemm kontribuzzjonijiet minn aktar minn programm operazzjonali wieħed għall-istess strument finanzjarju, f'dawn il-każijiet, il-fond tal-fondi jew l-intermedjarju finanzjarju għandhom iżommu kontijiet separati jew iżommu kodiċi tal-kontabilità adegwat għall-kontribuzzjoni minn kull programm operazzjonali, għall-finijiet ta' rapportar u awditjar. Eżami tas-sekwenza tal-awditjar għandu jifforma parti mill-verifika tal-Artikolu 125(5).

Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jiffokaw fuq il-kontroll tad-dokumenti ta' sostenn li juru l-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament. Id-dokumentazzjoni tista' tinkludi formoli ta' applikazzjoni, pjanijiet ta' negozju, kontijiet annwali, listi ta' kontroll u rapporti tal-istrumenti finanzjarji li jivvalutaw l-applikazzjoni, l-investiment iffirmat, il-ftehim ta' self jew garanzija, rapporti mill-impriża, rapporti dwar żjarat u laqgħat tal-bord, rapporti mill-intermedjarju tas-self għall-fond ta' garanzija li jappoġġjaw it-talbiet, approvazzjonijiet ambjentali, rapporti u dikjarazzjonijiet ta' opportunitajiet indaqs magħmula f'konnessjoni mal-irċevuta ta' għajnuna de minimis.

L-evidenza tan-nefqa fil-forma ta' fatturi riċevuti u l-prova tal-pagament ta' oġġetti u servizzi mill-SMEs hi meħtieġa biss bħala parti mill-awditjar fejn il-kapital, is-self jew garanzija lill-SME huma kondizzjonali biex issir nefqa fuq oġġetti jew servizzi partikolari. Madankollu, fil-każijiet kollha, għandu jkun hemm prova tat-trasferiment ta' kapital jew self minn fond ta' kapital ta' riskju jew self intermedjarju għall-intrapriża u evidenza li s-sostenn provdut permezz tal-istrument finanzjarju intuża għall-iskop maħsub tiegħu.

Il-verifiki ta' ġestjoni ta' strumenti finanzjarji huma pjuttost speċifiċi u jeħtieġu għarfien adegwat f'dan ir-rigward. Għandha tingħata attenzjoni għall-konformità tal-istrumenti finanzjarji mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat (li tista' tkun preżenti fuq livelli differenti ta' implimentazzjoni pereżempju koinvestituri privati, fond ta' fondi, intermedjarji finanzjarji u riċevituri finali), mar-regoli dwar l-għażla ta' korpi (eż. ir-regoli tal-akkwist pubbliku jekk applikabbli), fir-rigward tal-għażla tal-fond tal-fondi u l-intermedjarji finanzjarji u l-livell tal-ispejjeż tal-ġestjoni.

Eżempji tal-kwistjonijiet l-aktar komuni identifikati fil-passat mill-Kummissjoni fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji[27]: (perspettiva finanzjarja 2007-2013):

- Garanziji maħruġin mill-FEI kienu magħmulin minn self kollaterali li ġie pprovdut minn FEI ieħor taħt l-istess OP;
- Tnaqqis ta' kapital illegali meta l-kapital tas-self ma jiġix rimborżat kompletament;
- Self mogħti għall-iffinanzjar esklużiv ta' kapital operazzjonali qabel l-1/12/2011;
- Spejjeż tal-ġestjoni ma kinux ibbażati fuq l-evidenza;
- Ma ġietx provduta sekwenza tal-awditjar adegwata;
- Implimentazzjoni kajmana tal-proġett u kontramiżuri potenzjalment ineffettivi biex tittejjeb il-prestazzjoni;
- Verifiki ta' ġestjoni mhux adegwati;
- Elementi obbligatorji nieqsa fil-ftehim ta' finanzjament;
- Awditu tal-operazzjonijiet ma sarx minħabba limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni.

[27] Id-dispożizzjonijiet legali kienu relatati ma' perjodi fl-imgħoddi u fil-preżent ma kinux għadhom fis-seħħ

## 2.5. Operazzjonijiet li jiġġeneraw id-dħul

Referenza

*(i) L-Artikoli 61 u 65(8) u l-Anness V tas-CPR;*

*(ii) L-Artikoli 15) sa 19 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 480/2014;*

*(iii) Gwida għall-Analiżi tal-Kost-benefiċċju ta' Proġetti ta' Investiment Għodda ta' evalwazzjoni ekonomika għall-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020.*

Is-CPR jagħmel distinzjoni bejn operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett wara t-tlestija (u possibbilment matul l-implimentazzjoni wkoll), li huma koperti mill-Artikolu 61, u operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett matul l-implimentazzjoni tagħhom u li għalihom il-paragrafi 1 sa 6 tal-Artikolu 61 ma japplikawx, li huma koperti mill-Artikolu 65(8).

Operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett wara t-tlestija

Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 61 tas-CPR jiddefinixxi "dħul nett".

L-AĠ, bħala parti mill-verifiki ta' ġestjoni tagħha, għandha l-ewwel nett tivverifika jekk operazzjoni taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 61(1) tas-CPR. Meta flussi ta' flus jistgħu jkunu mistennija wara t-tlestija tal-operazzjoni, l-AĠ għandha b'mod partikolari teżamina jekk il-flussi ta' flus hux se jiġu mħallsa direttament mill-utenti jew jekk dawn jistgħux jiġu kklassifikati bħala "flussi ta' flus oħrajn", bħal kontribuzzjonijiet privati jew pubbliċi jew qligħ finanzjarju ieħor.

L-AĠ għandha tiżgura li l-flussi ta' flus kienu ġew determinati abbażi ta' approċċ inkrimentali (jiġifieri permezz tad-differenza bejn is-sitwazzjonijiet b'operazzjoni u mingħajrha ), li jistgħu jinvolvu ffrankar tal-ispejjeż. Fil-każ li ffrankar tal-ispejjeż mistenni ma ġiex meqjus bħala dħul nett mill-benefiċjarju, il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jiksbu evidenza li dawn se jiġu bbilanċjati bi tnaqqis ugwali f'sussidji operazzjonali.

Meta l-operazzjoni tkun parti minn proġett akbar, jista' jkun irrilevanti li titwettaq analiżi finanzjarja fuq l-unika operazzjoni. L-AĠ għandha tivverifika li l-analiżi tkun saret fuq unità ta' analiżi awtosuffiċjenti, u li d-dħul nett tal-proġett ġie allokat għall-operazzjoni pro rata għall-ispiża eliġibbli tal-operazzjoni fil-kost għall-investiment tal-proġett.

Skont il-paragrafi tal-Artikoli 61(2)-(5) tas-CPR, in-nefqa eliġibbli tal-operazzjoni għandha titnaqqas bil-quddiem billi jitqies id-dħul nett potenzjali tal-operazzjoni, li għandu jiġi determinat b'wieħed minn dawn il-metodi:

- L-applikazzjoni ta' perċentwal ta' dħul nett b'rata fissa għas-settur jew is-subsettur;
- Il-kalkolu tad-dħul nett skontat tal-operazzjoni;
- It-tnaqqis tar-rata massima ta' kofinanzjament għall-operazzjonijiet kollha tal-prijorità tal-programm jew tal-miżura korrispondenti.

L-għażla tal-metodu għandha ssir skont ir-regoli nazzjonali.

Meta jiġi applikat it-tieni metodu, id-dħul nett iġġenerat waqt l-implimentazzjoni tal-operazzjoni, li jirriżulta minn sorsi ta' dħul li ma ġewx meqjusa fid-determinazzjoni tad-dħul potenzjali nett tal-operazzjoni, għandu jitnaqqas qabel it-talba għall-pagament finali sottomessa mill-benefiċjarju.

L-AĠ għandha tipprovdi gwida adegwata lill-benefiċjarji. B'mod partikolari, l-AĠ għandha tagħti indikazzjonijiet dwar il-metodoloġija li għandha tiġi applikata mill-benefiċjarji għat-tbassir ta' dħul nett fil-futur. Il-gwida għandha tikkjarifika wkoll ir-regoli dwar l-għażla tal-metodu għad-determinazzjoni tad-dħul nett potenzjali. Meta jintgħażel il-metodu tal-kalkolu tad-dħul nett skontat,

il-gwida għandha tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-parametri applikabbli fil-kalkolu, bħat-tul tal-perjodu ta' referenza, ir-rata tal-iskont, il-kalkolu tal-valur residwu, eċċ.

L-AĠ, bħala parti mill-verifiki ta' ġestjoni tagħha, għandha tivverifika li r-regoli u l-linji gwida jkunu ġew segwiti, u li l-valutazzjoni ta' operazzjoni li tiġġenera dħul tkun twettqet kif suppost u tkun dokumentata bis-sħiħ. Meta tiġi vvalutata l-preċiżjoni tal-kalkolu tad-dħul nett, l-AĠ għandha tivverifika b'mod partikolari:

- ir-raġonevolezza u l-iżvelar ta' suppożizzjonijiet magħmula rigward previżjonijiet ta' dħul u spiża f'sitwazzjonijiet b'operazzjoni u mingħajrha, filwaqt li tikkunsidra kwalunkwe dejta storika disponibbli, il-kategorija tal-investiment ikkonċernat, it-tip ta' proġett, il-profitabbiltà normalment mistennija minn dan it-tip ta' investiment, l-applikazzjoni tal-prinċipju li min iniġġes iħallas;

- ir-rabta diretta bejn il-valutazzjoni u s-suppożizzjonijiet t'hawn fuq;

- l-applikazzjoni ta' parametri ta' kalkolu rakkomandati (tul tal-perjodu ta' referenza, eċċ.);

- il-korrettezza tal-kalkoli.

Meta jintgħażel il-metodu tal-kalkolu tad-dħul nett skontat, l-AĠ għandha tivverifika b'mod partikolari matul il-verifiki ta' ġestjoni li kull dħul iġġenerat qabel it-tlestija tal-operazzjoni ġie kkunsidrat bħala sors ta' dħul fil-kalkolu tad-dħul nett skontat, jew li hu (jew se jkun) imnaqqas mit-total tan-nefqa eliġibbli dikjarata mill-benefiċjarju. B'mod ġenerali, proċeduri proporzjonati skont id-daqs tal-għajnuna finanzjarja mogħtija għall-operazzjoni jistgħu jiġu adottati għall-previżjoni u l-verifika ta' dħul nett iġġenerat.

Skont l-Artikolu 61(6) tas-CPR, meta ma jkunx oġġettivament possibbli li jiġi stmat dħul bil-quddiem, id-dħul nett iġġenerat fi żmien tliet snin mit-tlestija ta' operazzjoni jew sal-iskadenza tal-għeluq tal-programm, skont liema data tiġi l-ewwel, għandu jitnaqqas min-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni.

Għandha tiġi stabbilita sistema li tippermetti lill-AĠ timmarka dawk l-operazzjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 1(6) tas-CPR, u timmonitorja u tikkwantifika d-dħul nett tagħhom qabel it-tlestija tal-programm. Bħala parti mill-verifika ta' ġestjoni fuq il-post tagħha u wara t-tlestija tal-operazzjonijiet, l-AĠ għandha tistabbilixxi proċeduri biex tiġi verifikata l-akkuratezza tad-dħul nett li rrapportaw il-benefiċjarji.

L-Artikolu 61(7) tas-CPR jistipula, fost l-oħrajn, fil-punt b) li l-Artikolu 61 mhuwiex applikabbli għal operazzjonijiet li l-ispiża eliġibbli totali tagħhom ma taqbiżx EUR 1,000,000. Għalhekk, l-AĠ għandha tiżgura li kull operazzjoni li tikseb żieda tal-ispiża totali eliġibbli tagħha minn taħt għal iktar mil-limitu ta' EUR 1,000,000 wara r-reġistrazzjoni inizjali tagħha fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-AĠ għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti tal-imsemmi Artikolu 61. L-Artikolu 61(1) sa (6) lanqas ma japplika għal operazzjonijiet sostnuti unikament mill-FSE.

<u>Operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul matul l-implimentazzjoni tagħhom u li għalihom il-paragrafi 1 sa 6 tal-Artikolu 61 tas-CPR ma japplikawx</u>

Skont l-Artikolu 65(8) tas-CPR, in-nefqa eliġibbli tal-operazzjoni għandha titnaqqas bid-dħul nett mhux meqjus fil-ħin tal-approvazzjoni tal-operazzjoni u ġġenerat direttament matul l-implimentazzjoni tagħha biss, mhux aktar tard mit-talba għall-pagament finali sottomessa mill-benefiċjarju. Meta mhux l-ispejjeż kollha jkunu eliġibbli għal kofinanzjament, id-dħul nett għandu jiġi allokat pro rata fuq il-partijiet eliġibbli u mhux eliġibbli tal-ispiża. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal operazzjonijiet li għalihom in-nefqa eliġibbli totali ma taqbiżx EUR 50,000.

Abbażi ta’ dan l-Artikolu, l-AĠ għandha testendi l-verifika tal-aspett tal-ġenerazzjoni tad-dħul għall-operazzjonijiet kollha bi spiża totali eliġibbli li taqbeż EUR 50,000 u li ma jaqgħux taħt l-eċċezzjonijiet l-oħra msemmija fl-Artikolu 65(8) tas-CPR. Dan jinkludi b’mod ġenerali operazzjonijiet li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 61 tas-CPR.

Rigward l-użu ta’ spejjeż simplifikati f’operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 7.4 tal-Gwida tal-Kummissjoni dwar Għażliet ta’ Spejjeż Simplifikati (SCOs) (EGFSIE_ 14-0017).

### 2.6. Durabbiltà tal-operazzjonijiet

Skont l-Artikolu 71 tas-CPR, l-AĠ għandha tiżgura li operazzjoni żżomm il-kontribuzzjoni mill-FSIE biss jekk dik l-operazzjoni, fi żmien ħames snin mill-pagament finali lill-benefiċjarju jew fil-perjodu applikabbli għall-għajnuna mill-Istat, tgħaddi minn modifika sostanzjali definita fl-Art. 71.1 a-c). Perjodu ta’ għaxar snin huwa stabbilit għal każijiet meta l-attività produttiva tkun rilokata barra mill-UE. Japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi għall-SMEs, strumenti finanzjarji, persuni fiżiċi li sussegwentement jirċievu sostenn mill-EGF u operazzjonijiet li mhumiex investiment fl-infrastruttura jew investiment produttiv.

Bħala parti mill-verifiki tagħha u wara t-tlestija tal-operazzjonijiet, l-AĠ għandha tikkontrolla l-konformità ma’ dawn il-kundizzjonijiet, inkluż b’verifiki fuq il-post abbażi ta’ kampjun. Kull ammont identifikat li jkun tħallas mhux b’mod dovut għandu jkun irkuprat.

### 2.7. Ekwità u nuqqas ta’ diskriminazzjoni

Skont l-Artikolu 7 tas-CPR il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jikkontrollaw li l-operazzjonijiet jirrispettaw u jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u li l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi tkun ġiet applikata waqt id-diversi stadji tal-implimentazzjoni tal-FSIE. Dan jinvolvi approċċ ta’ integrazzjoni tas-sessi li jiżgura li l-operazzjonijiet kollha apertament u attivament jikkunsidraw l-effetti tas-sitwazzjoni rispettiva tan-nisa u tal-irġiel, bil-għan li jingħelbu l-inugwaljanzi. Il-programmi kollha għandhom jikkontribwixxu għal ugwaljanza mtejba bejn l-irġiel u n-nisa, u għandhom ikunu kapaċi juru l-impatt f’dan ir-rigward, qabel, waqt u wara l-implimentazzjoni. Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jikkonformaw mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Barra dan, il-verifiki għandhom jikkontrollaw ukoll li ttieħdu l-passi meħtieġa biex tkun evitata kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta’ sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabiltà, età jew orjentazzjoni sesswali waqt id-diversi stadji tal-implimentazzjoni tal-FSIE u, b’mod partikolari, fl-aċċess għalihom.

Il-listi ta’ kontroll użati għall-verifiki ta' ġestjoni għandhom għalhekk jinkludu, fejn rilevanti, mistoqsijiet li jittrattaw ir-rispett tal-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jikkontrollaw il-prestazzjoni reali tal-programmi u l-operazzjonijiet kofinanzjati kontra l-indikaturi fil-mira mal-perjodu tal-ipprogrammar kollu. L-AĠ għandha tikkontrolla li ttieħdu l-passi meħtieġa waqt l-implimentazzjoni tal-operazzjoni biex ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fil-kuntratt tal-għoti. L-aċċessibbiltà għall-persuni b’diżabbiltà hija wieħed mill-kriterji li għandhom jiġu osservati meta jiġu definiti operazzjonijiet kofinanzjati mill-FSIE u li għandhom jiġu kkunsidrati waqt id-diversi stadji ta’ implimentazzjoni.

L-aċċessibbiltà għandha tkun karatteristika tal-prodotti u s-servizzi kollha offruti lill-pubbliku u ffinanzjati mill-FSIE. B’mod partikolari, l-Istat Membru għandu juża l-mezzi kollha possibbli biex jiżgura l-aċċessibbiltà għall-binjiet, għat-trasport, għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni li huma essenzjali għall-inklużjoni tal-persuni b’diżabbiltà. Għalhekk l-aċċessibbiltà

tal-postijiet, il-loġistika, informazzjoni u materjal (eż. materjal ta' taħriġ użat, prodotti maħluqa) għandhom jitqiesu sabiex il-persuni b'diżabbiltà jibbenefikaw mir-riżultati tal-proġett fuq termini ugwali ma' persuni oħra. Dan għandu jitqies kull meta servizzi jew prodotti jinxtraw, jiġu żviluppati, miżmuma jew imġedda.

Dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà jissemmew fid-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku u huma jiddikjaraw li, fejn possibbli, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt, bħal avviżi tal-kuntratt, dokumenti tal-kuntratt jew dokumenti addizjonali għandhom ikunu ddefiniti sabiex iqisu kriterji ta' aċċessibbiltà għal nies b'diżabbiltà jew disinn għall-utenti kollha. Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jikkontrollaw li l-operazzjonijiet jirrispettaw dawn id-dispożizzjonijiet rigward l-aċċessibbiltà. B'mod partikolari, il-verifiki fuq il-post għandhom jikkontrollaw jekk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew xi dispożizzjonijiet oħrajn fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt biex jiżguraw aċċessibbiltà kinux implimentati b'mod adegwat.

### 2.8. Il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (ETC)

Taħt l-ETC, il-FEŻR jiffoka l-assistenza tiegħu fuq l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali transkonfinali, l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' kooperazzjoni transnazzjonali u r-rinfurzar tal-effikaċja tal-politika reġjonali. L-istruttura tal-programmi tal-ETC tista' tkun kumplessa u tista' tinvolvi l-kooperazzjoni bejn il-kombinazzjonijiet differenti ta' Stati Membri, reġjuni u Stati mhux Membri. Minħabba din il-kumplessità huwa kkunsidrat adegwat li tingħata gwida dwar il-verifiki f'dan il-qasam.

Il-verifiki ta' ġestjoni huma r-responsabbiltà tal-AĠ meta dawn jitwettqu taħt l-Artikolu 125(4)(a) tas-CPR u taħt l-Artikolu 23(3) tal-ETC. L-AĠ għandha l-possibbiltà li tiddelega l-kompiti lill-KI. Il-verifiki għandhom ikopru n-nefqa ta' kull benefiċjarju li jipparteċipa f'operazzjoni fi programm ta' kooperazzjoni.

F'każijiet oħra, ir-responsabbiltà għall-verifiki ta' ġestjoni hi tal-Istati Membri, il-pajjiżi terzi jew it-territorji li jagħżlu l-korp jew il-persuna responsabbli għat-twettiq tal-verifiki f'rabta mal-benefiċjarji fuq it-territorju tiegħu (il-"kontrollur(i)" skont l-Artikolu 23(3) u 23(4) tal-ETC. Kull Stat Membru jew pajjiż terz jew territorju għandu jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tagħmilha possibbli li jkun ivverifikat it-twassil tal-prodotti u s-servizzi kofinanzjati, is-sanezza tal-infiq iddikjarat għal operazzjonijiet jew partijiet ta' operazzjonijiet implimentati fit-territorju tiegħu, u l-konformità ta' nfiq bħal dan u ta' operazzjonijiet relatati, jew partijiet minn dawk l-operazzjonijiet, mar-regoli tal-Unjoni u r-regoli nazzjonali tiegħu. L-AĠ għandha tkun sodisfatta li l-infiq ta' kull benefiċjarju li jipparteċipa f'operazzjoni ġie vvalidat minn kontrollur magħżul imsemmi fl-Artikolu 23(4) tal-ETC. Huwa rakkomandat li l-AĠ tiżgura li l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi jew it-territorji responsabbli li jagħżlu l-kontrolluri jimplimentaw proċeduri tal-kontroll tal-kwalità biex tiġi vverifikata l-kwalità tax-xogħol tal-kontrollur(i). Għal dawn il-każijiet, minħabba n-natura tal-operazzjonijiet fil-programmi ta' kooperazzjoni, biex l-AĠ tkun tista' tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha huwa meħtieġ li tkun sostnuta mill-Istati Membri, il-pajjiżi terzi jew it-territorji li jagħżlu l-kontrolluri.

| |
|---|
| L-aħjar prattika f'dan il-qasam għandha tippermetti li fid-deskrizzjoni tal-MCS jiġu inklużi l-ismijiet, l-indirizzi u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali u l-kontrolluri fl-Istati Membri, il-pajjiżi terzi jew it-territorji parteċipanti. |

Skont l-Artikolu 23(5) tal-ETC, meta l-provvista ta' prodotti jew servizzi kofinanzjati tkun tista' tiġi verifikata biss fir-rigward ta' operazzjoni sħiħa, il-verifika għandha titwettaq mill-AĠ jew mill-kontrollur tal-Istat Mambru fejn ikun jinsab il-benefiċjarju ewlieni.

Il-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni tal-verifiki mill-kontrolluri li jwettqu l-verifika ta' ġestjoni huma identiċi għal dawk ta' AĠ għall-programmi operazzjonali prinċipali. Il-kontrolluri li jwettqu l-

verifika ta' ġestjoni għandhom jivverifikaw li l-prodotti ġew ikkunsinnati u s-servizzi kofinanzjati ngħataw u li l-infiq iddikjarat mill-benefiċjarji għall-operazzjoni fil-fatt sar u jikkonforma mar-regoli tal-Unjoni u nazzjonali. Għal dan il-għan huma għandhom iwettqu verifiki amministrattivi rigward kull applikazzjoni għal rimborż minn benefiċjarji u verifiki fuq il-post ta' operazzjonijiet individwali, li jistgħu jitwettqu fuq bażi ta' kampjun.

Il-prinċipji ġenerali deskritti qabel f'dan id-dokument rigward meta jsiru, il-kamp ta' applikazzjoni u l-intensità tal-verifiki, l-organizzazzjoni ta' verifiki fuq il-post, ir-rekwiżit li jkun iddokumentat ix-xogħol li sar u s-separazzjoni funzjonali tad-dmirijiet rigward il-verifika u x-xogħol ta' awditjar huma applikabbli wkoll għax-xogħol tal-kontrolluri li jwettqu l-verifika ta' ġestjoni. Barra minn hekk, il-kontrolluri li jwettqu l-verifika ta' ġestjoni għandhom jivverifikaw li l-benefiċjarji u korpi oħra involuti fl-implimnetazzjoni ta' operazzjonijiet iżommu jew sistema ta' kontabilità jew kodiċi tal-kontabilità separati għat-tranżazzjonijiet kollha relatati mal-operazzjoni.

L-aktar kwistjonijiet komuni identifikati mis-servizzi tal-Kummissjoni relatati mal-operazzjonijiet kofinanzjati fil-programmi tal-ETC matul il-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 kienu:

- sekwenza tal-verifika dgħajfa;
- spejjeż tal-persunal nieqsa;
- nuqqas ta' ġustifikazzjonijiet għal spejjeż ġenerali u spejjeż amministrattivi ġenerali;
- dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist pubbiku;
- dħul iġġenerat minn operazzjonijiet li ma ġewx ikkunsidrati;
- listi ta' verifiki mhux kompluti.

L-awditi tal-Kummissjoni wrew li verifiki ta' ġestjoni ċentralizzati magħmula minn strutturi subordinati mal-AĠ jiffunzjonaw b'mod aktar effiċjenti minn sistemi oħra. Taħt tip ieħor ta' sistema ta' kontroll ir-riskju tal-kontroll huwa ogħla (persunal differenti li jwettaq il-verifika ta' ġestjoni, l-ebda proċeduri ta' kwalità standard), il-verifiki jiffukaw prinċipalment fuq il-kontroll finanzjarju u huwa diffiċli għall-AĠ u l-JS biex jimmonitorjaw il-kontrolli.

L-aħjar prattika tindika li sistema ta' verifiki ta' ġestjoni ċentralizzata tnaqqas ir-riskju tal-kontroll, ikun hemm fehim aħjar u aktar familjari mar-regolamenti tal-UE meta l-persunal li jwettaq il-verifiki ta' ġestjoni jkun ukoll responsabbli għall-programmi prinċipali. L-Artikolu 23(4) tal-ETC jiddikjara li l-kontrolluri li jwettqu l-verifika ta' ġestjoni jistgħu jkunu l-istess korpi responsabbli għat-twettiq ta' verifiki bħal dawn għall-programmi operazzjonali taħt il-Fondi Strutturali jew, fil-każ ta' pajjiżi terzi, għat-twettiq ta' verifiki kumparabbli taħt l-istrumenti ta' politika esterna tal-Unjoni. Huwa rakkomandabbli li jiddaħħlu miżuri biex tiġi żgurata l-koerenza fost il-kontrolluri li jwettqu l-verifika ta' ġestjoni mill-pajjiżi kollha li jipparteċipaw fil-programm. B'mod partikolari, hija rakkomandata l-armonizzazzjoni tal-listi ta' kontroll użati għall-verifiki ta' ġestjoni (bħall-HIT – Għodod għall-armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni mħejjija minn Interact). Din tiffaċilita l-monitoraġġ mill-AĠ u l-JS tal-kwalità tal-kontrolli mwettqa għal operazzjonijiet kofinanzjati taħt il-programm operazzjonali tal-ETC.

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-ETC jirrikjedi li fejn ikun hemm żewġ benefiċjarji jew iżjed ta' operazzjoni fi programm ta' kooperazzjoni għandu jinħatar benefiċjarju ewlieni għal kull operazzjoni. Il-benefiċjarju ewlieni għandu jiżgura kemm li l-infiq ippreżentat minn kull wieħed mill-benefiċjarji li qed jipparteċipa fl-operazzjoni sar għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-operazzjoni u jikkorrispondi mal-attivitajiet li jkun intlaħaq qbil fuqhom bejn dawk il-benefiċjarji, kif ukoll li l-infiq ippreżentat minn kull wieħed mill-benefiċjarji li qed jipparteċipa fl-operazzjoni kien ivvalidat mill-persunal li jwettaq il-verifika ta' ġestjoni. Il-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol tal-kontrollur responsabbli għall-benefiċjarju prinċipali għandu għalhekk jinkludi verifika ta' kif il-

benefiċjarju prinċipali jikkonforma ma’ dawn l-obbligi.

| |
|---|
| L-aħjar prattika f’dan il-qasam għandha tippermetti li d-dettalji tax-xogħol magħmul minn kull kontrollur li jwettaq verifika ta' ġestjoni jkunu disponibbli għall-kontrollur tal-benefiċjarju ewlieni, għall-AĠ u, fejn applikabbli, għall-Istat Membru, il-pajjiż jew territorju terz responsabbli biex jinnomina l-kontrolluri. Dan ir-rekwiżit jista’ jkun inkluż fit-termini ta’ referenza tal-kontrolluri li jwettqu l-verifika ta' ġestjoni mal-ħatra tagħhom. |

Fejn parti mill-operazzjoni tkun implimentata barra l-Unjoni Ewropea u fejn ma jkunx inħatar kontrollur, għandhom isiru arranġamenti speċifiċi sabiex ikun iddefinit liema kontrollur jew entità hija responsabbli biex tivverifika l-legalità u r-regolarità tal-infiq. Għandhom isiru arranġamenti simili għall-verifika ta’ nfiq magħmul fl-Unjoni Ewropea meta jkun barra mit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti.

L-AĠ u l-JS għandhom jiżguraw l-indipendenza u s-separazzjoni tal-funzjoni tal-kontrollur tal-ewwel livell mill-funzjoni ta’ awditjar statutorju u/jew minn kwalunkwe rwol li jista' jkollu l-kontrollur tal-ewwel livell nominat fi ħdan il-benefiċjarju (xogħol ta’ konsulenza, kontabilità, xogħol ta’ preparazzjoni tal-pagi, eċċ.). L-istruttura ta’ organizzazzjoni tal-kontroll tal-ewwel livell għandha tkun indipendenti għal kollox mill-funzjoni tal-awditur statutorju jew kwalunkwe rwol ieħor miżmum fi ħdan il-benefiċjarju.

### 2.9. Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI)

Ir-rekwiżiti speċifiċi addizzjonali biex jiġu verifikati jikkonsistu mill-ivverifikar li l-parteċipanti huma eliġibbli għall-YEI (grupp tal-età, status, post ta’ residenza) u li l-benefiċjarju żgura li dawk li jieħdu sehem f’operazzjoni jkunu informati speċifikament dwar is-sostenn tal-YEI provdut permezz tal-finanzjament mill-FSE, kif ukoll dwar l-allokazzjoni speċifika tal-YEI. Kull dokument rigward l-implimentazzjoni ta’ operazzjoni li jintuża għall-pubbliku jew għall-parteċipanti, inklużi ċertifikati ta' attendenza jew ċertifikati oħra, għandu jinkludi stqarrija li turi li l-programm operazzjonali kien sostnut mill-YEI.

### 2.10. Għażliet ta’ spejjeż simplifikati

*Referenza:*

*(i) Gwida dwar l-Għażliet ta’ Spejjeż Simplifikati (SCOs) (EGFSIE_ 14-0017 6/10/2014);*

*(ii) L-Artikoli 67 u 68 tas-CPR, Artikolu 14 tal-FSE u l-Artikolu 19 tal-ETC*

Għall-ispejjeż għal kull unità u s-somom f’daqqa l-verifiki ta' ġestjoni se jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet għar-rimborż stabbiliti fil-ftehim bejn il-benefiċjarju u l-AĠ ġewx issodisfati u li l-metodoloġija li kien hemm qbil fuqha ġietx applikata b’mod korrett[28]. Barra minn hekk, il-verifika ta' ġestjoni għandha tivverifika li l-operazzjoni jew il-proġett ma jkunx implimentat esklużivament permezz tal-akkwist pubbliku[29]. Se jkun hemm bżonn ta’ dokumenti ta’ sostenn sabiex jiġġustifikaw il-kwantitajiet iddikjarati mill-benefiċjarju. B’mod partikolari għal operazzjonijiet “intanġibbli”, l-enfasi se timxi lejn aspetti tekniċi u fiżiċi tal-operazzjonijiet, b’importanza partikolari tal-verifiki fuq il-post matul il-perjodu ta’ implimentazzjoni.

Fil-każ ta’ finanzjament b’rata fissa, fejn applikabbli, il-verifika għandha tikkontrolla wkoll li:

- l-ispejjeż ġew allokati b’mod korrett għal kategorija partikolari,

[28] Jekk jogħġbok innota li dan ma japplikax għall-Artikolu 14(1) tal-FSE

[29] Jekk jogħġbok innota li dan ma japplikax għall-Artikolu 14(1) tal-FSE u għal proġetti fil-qafas ta' Pjan ta' Azzjoni Konġunta.

- m'hemm l-ebda dikjarazzjoni doppja tal-istess partita ta' spejjeż,
- ir-rata fissa ġiet applikata sew,
- l-ammont mitlub abbażi tar-rata fissa ġie aġġustat b'mod proporzjonali jekk il-valur tal-kategorija tal-ispejjeż li kien jiġi applikat għalih ġie modifikat, u
- jekk applikabbli, li l-esternalizzazzjoni tqieset (eż. ir-rata fissa titnaqqas f'każ li parti mill-operazzjoni jew il-proġett ġiet esternalizzata).

### 2.11. Indikaturi

*Referenza:*

(i) *L-Artikolu 50(2) tas-CPR dwar ir-rapporti ta' implimentazzjoni*

(ii) *L-Artikolu 125 tas-CPR dwar il-funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni*

(iii) *L-Artikolu 25(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 480/2014.*

(iv) *Gwida dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni – il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni – Jannar 2014*

(v) *Gwida dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni – Fond Soċjali Ewropew, Mejju 2014*

L-Artikolu 50(2) tas-CPR jistipula li r-rapporti annwali ta' implimentazzjoni għandhom jagħtu informazzjoni ewlenija dwar l-implimentazzjoni tal-programm b'referenza għall-indikaturi komuni u għal dawk speċifiċi għall-programm u l-valuri kwantifikati tal-miri. Id-dejta trażmessa għandha tkun marbuta mal-valuri għall-indikaturi għal operazzjonijiet kompletament implimentati u anke, fejn possibbli, għal operazzjonijiet magħżula. Fl-FSE, id-dejta trażmessa għal indikaturi tal-produzzjoni u tar-riżultati għandha tkun relatata ma' valuri għal operazzjonijiet implimentati parzjalment jew bis-sħiħ. Ir-rapportar dwar operazzjonijiet magħżula mhuwiex meħtieġ għall-FSE.

L-Artikolu 125(2)(a) tas-CPR jirrikjedi lill-AĠ tipprovdi lill-kumitat tal-monitoraġġ bid-dejta relatata mal-progress tal-programm operazzjonali fil-kisba tal-objettivi tiegħu, id-dejta finanzjarja u dejta relatata mal-indikaturi u l-istadji ewlenin.

L-Artikolu 125(2)(d) tas-CPR jirrikjedi lill-AĠ tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata d-dejta dwar kull operazzjoni neċessarja għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, inkluża dejta dwar parteċipanti individwali f'operazzjonijiet, fejn japplika. Għall-FSE, id-dejta għandha tiġi rreġistrata u maħżuna b'mod li jippermetti lill-AĠ twettaq il-kompiti relatati mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 56 tas-CPR u l-Artikoli 5 u 19 kif ukoll l-Annessi I u II tal-FSE.

L-Artikolu 125(3)(a) tas-CPR jirrikjedi li l-AĠ għandha tapplika proċeduri ta' għażla tal-operazzjonijiet li jiżguraw il-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet magħżula għall-kisba tal-objettivi speċifiċi u r-riżultati tal-prijorità rilevanti.

L-Artikolu 25(1)(i) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 jirrikjedi li s-sekwenza tal-awditjar għandha tippermetti li d-dejta fir-rigward tal-indikaturi ta' produzzjoni għall-operazzjoni tiġi rrikonċiljata mal-miri u d-dejta u r-riżultat irrappurtati għall-programm.

Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jiżguraw, abbażi tad-dejta rrapportata mill-benefiċjarji fil-livell tal-operazzjoni, li d-dejta, mikrodejta jew dejta aggregata, relatata ma' indikaturi u valuri mmirati fil-livell ta' prijorità ta' investiment, prijorità jew programm tkun f'waqtha, kompleta u affidabbli.

Il-verifiki għandhom jivverifikaw ir-rekwiżiti ewlenin dwar il-ġbir, il-ħażna u l-kwalità tad-dejta. In-nuqqas ta' dejta ta' kwalità u konsegwentement, l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ, hija soġġetta għas-sospensjoni ta' pagamenti. B'mod partikolari, l-AĠ hija meħtieġa li tiżgura l-kwalità

tad-dejta billi tikkontrolla l-kompletezza u l-konsistenza tagħha[30].

Il-monitoraġġ tal-progress tal-implimentazzjoni tal-operazzjoni permezz ta' rieżami tal-indikaturi (u mikrodejta għall-operazzjonijiet tal-FSE) għandu jkun inkorporat f'verifika amministrattiva ta' applikazzjoni għar-rimborż magħmula minn benefiċjarju. Matul il-verifika ta' applikazzjoni għar-rimborż, fejn adegwat, l-AĠ għandha tikkontrolla l-progress fil-kisba tal-indikaturi. Fl-istadju ta' applikazzjoni finali għar-rimborż, l-AĠ għandha tivverifika jekk l-informazzjoni rilevanti kinitx provduta mill-benefiċjarju, jiġifieri informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni reali għall-indikatur(i) ta' produzzjoni u tar-riżultati, jekk l-indikaturi kollha li ntlaħaq qbil fuqhom intlaħqux, u, fejn applikabbli, ġustifikazzjoni tad-differenza bejn l-impenn u l-kontribuzzjoni reali. L-AĠ għandha taġġusta l-mudelli tal-applikazzjoni għar-rimborż tal-benefiċjarji biex tippermetti rappurtar f'waqtu u korrett dwar l-indikaturi. Il-lista ta' kontroll għall-verifika ta' ġestjoni għandha tinkludi mistoqsijiet adegwati.

Il-verifiki fuq il-post għandhom jivverifikaw l-korrettezza tad-dejta kkomunikata mill-benefiċjarji b'relazzjoni mal-indikaturi. Il-fehim korrett tal-indikatur mill-benefiċjarju u l-valuri rrappurtati għandhom jiġu kkontrollati. Jekk il-benefiċjarju kien responsabbli biex idaħħal informazzjoni dwar l-indikaturi fis-sistema tal-IT, il-korrettezza ta' dan il-proċess għandu jkun soġġetta għal verifiki tal-inqas fuq il-post.

Kull parteċipant għandu jiġi rreġistrat darba biss fi ħdan operazzjoni waħda (eż. trainee wieħed għandu jiġi rreġistrati darba biss għalkemm jista' jipparteċipa f'diversi attivitajiet differenti fi ħdan operazzjoni waħda).

[30] Id-dokument ta' gwida dwar il-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni – Fond Soċjali Ewropew, kapitolu 2 tal-Anness D.